Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0059(COD)

1.12.2025

EMENDI
1206 - 1605

Abbozz ta' rapport
Malik Azmani
(PE779.352v01-00)

L-istabbiliment ta' sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-Unjoni, u t-tħassir tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE

Proposta għal regolament
(COM(2025)0101 – 2025/0059(COD))

Emenda 1206
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 17	***imħassar***
Ritorn lejn pajjiż li miegħu hemm ftehim jew arranġament	
1. Ir-ritorn skont it-tifsira tal-Artikolu 4, l-ewwel paragrafu, il-punt (3)(g) ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jirrikjedi li jiġi konkluż ftehim jew arranġament ma' pajjiż terz. Dan il-ftehim jew l-arranġament jista' jiġi konkluż biss ma' pajjiż terz fejn l-istandards u l-prinċipji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż il-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu rispettati.	
2. Ftehim jew arranġament skont il-paragrafu 1 għandu jistabbilixxi dan li ġej:	
a. il-proċeduri applikabbli għat-trasferiment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment mit-territorju tal-Istati Membri lejn il-pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1;	
b. il-kundizzjonijiet għas-soġġorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz fil-pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1, inklużi l-obbligi u r-responsabbiltajiet rispettivi tal-Istat Membru u ta' dak il-pajjiż terz;	
c. fejn applikabbli, il-modalitajiet ta' ritorn ulterjuri lejn il-pajjiż ta' oriġini jew lejn pajjiż ieħor fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jiddeċiedi volontarjament li jirritorna, u l-konsegwenzi fil-każ fejn dan ma jkunx possibbli;	
d. l-obbligi tal-pajjiż terz imsemmi fit-tieni sentenza tal-paragrafu 1;	

e. korp jew mekkaniżmu indipendenti għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni effettiva tal-ftehim jew l-arranġament;

f. il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu f'każ ta' ksur tal-ftehim jew arranġament jew bidla sinifikanti li jkollha impatt avvers fuq is-sitwazzjoni tal-pajjiż terz.

3. Qabel ma jikkonkludu ftehim jew arranġament skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

4. Minorenni mhux akkumpanjati u familji b'minorenni ma għandhomx jiġu ritornati lejn pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 1207
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Sandro Ruotolo, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 17	***imħassar***
Ritorn lejn pajjiż li miegħu hemm ftehim jew arranġament	
1. Ir-ritorn skont it-tifsira tal-Artikolu 4, l-ewwel paragrafu, il-punt (3)(g) ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jirrikjedi li jiġi konkluż ftehim jew arranġament ma' pajjiż terz. Dan il-ftehim jew l-arranġament jista' jiġi konkluż biss ma' pajjiż terz fejn l-istandards u l-prinċipji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż il-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu rispettati.	
2. Ftehim jew arranġament skont il-paragrafu 1 għandu jistabbilixxi dan li	

ġej:

a. il-proċeduri applikabbli għat-trasferiment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment mit-territorju tal-Istati Membri lejn il-pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1;

b. il-kundizzjonijiet għas-soġġorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz fil-pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1, inklużi l-obbligi u r-responsabbiltajiet rispettivi tal-Istat Membru u ta' dak il-pajjiż terz;

c. fejn applikabbli, il-modalitajiet ta' ritorn ulterjuri lejn il-pajjiż ta' oriġini jew lejn pajjiż ieħor fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jiddeċiedi volontarjament li jirritorna, u l-konsegwenzi fil-każ fejn dan ma jkunx possibbli;

d. l-obbligi tal-pajjiż terz imsemmi fit-tieni sentenza tal-paragrafu 1;

e. korp jew mekkaniżmu indipendenti għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni effettiva tal-ftehim jew l-arranġament;

f. il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu f'każ ta' ksur tal-ftehim jew arranġament jew bidla sinifikanti li jkollha impatt avvers fuq is-sitwazzjoni tal-pajjiż terz.

3. Qabel ma jikkonkludu ftehim jew arranġament skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

4. Minorenni mhux akkumpanjati u familji b'minorenni ma għandhomx jiġu ritornati lejn pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kummerċ tal-migranti li qed jiġi propost b'din iż-żieda mhux se jwassal għal xi vantaġġ ġeopolitiku għall-UE. Ma ġie identifikat l-ebda pajjiż terz li se jaqbel li jieħu lill-persuni ripatrijati. L-ebda garanzija dwar id-destin tal-persuni li se jintbagħtu lejn dawn il-pajjiżi terzi mhija żgurata u s-sostenibbiltà ta' tali ritorni hija dubjuża ħafna.

Emenda 1208
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 17	***imħassar***
Ritorn lejn pajjiż li miegħu hemm ftehim jew arranġament	
1. Ir-ritorn skont it-tifsira tal-Artikolu 4, l-ewwel paragrafu, il-punt (3)(g) ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jirrikjedi li jiġi konkluż ftehim jew arranġament ma' pajjiż terz. Dan il-ftehim jew l-arranġament jista' jiġi konkluż biss ma' pajjiż terz fejn l-istandards u l-prinċipji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż il-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu rispettati.	
2. Ftehim jew arranġament skont il-paragrafu 1 għandu jistabbilixxi dan li ġej:	
a. il-proċeduri applikabbli għat-trasferiment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment mit-territorju tal-Istati Membri lejn il-pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1;	
b. il-kundizzjonijiet għas-soġġorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz fil-pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1, inklużi l-obbligi u r-responsabbiltajiet rispettivi tal-Istat Membru u ta' dak il-pajjiż terz;	
c. fejn applikabbli, il-modalitajiet ta' ritorn ulterjuri lejn il-pajjiż ta' oriġini jew lejn pajjiż ieħor fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jiddeċiedi volontarjament li jirritorna, u l-konsegwenzi fil-każ fejn dan ma jkunx possibbli;	
d. l-obbligi tal-pajjiż terz imsemmi fit-tieni sentenza tal-paragrafu 1;	
e. korp jew mekkaniżmu indipendenti	

għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni effettiva tal-ftehim jew l-arranġament;

f. il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu f'każ ta' ksur tal-ftehim jew arranġament jew bidla sinifikanti li jkollha impatt avvers fuq is-sitwazzjoni tal-pajjiż terz.

3. Qabel ma jikkonkludu ftehim jew arranġament skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

4. Minorenni mhux akkumpanjati u familji b'minorenni ma għandhomx jiġu ritornati lejn pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 1209
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Ir-ritorn skont it-tifsira tal-Artikolu 4, l-ewwel paragrafu, il-punt (3)(g) ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jirrikjedi ***li jiġi konkluż*** ftehim jew arranġament ***ma' pajjiż terz***. ***Dan il-ftehim jew l-arranġament jista' jiġi konkluż biss ma' pajjiż terz fejn l-istandards u l-prinċipji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż il-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu rispettati.***	1. Ir-ritorn skont it-tifsira tal-Artikolu 4, l-ewwel paragrafu, il-punt (3)(g) ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jirrikjedi ftehim jew arranġament ***konkluż minn Stat Membru wieħed jew aktar jew mill-Unjoni***.

Or. en

Emenda 1210
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Ir-ritorn skont it-tifsira tal-Artikolu 4, l-ewwel paragrafu, il-punt (3)(g) ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jirrikjedi li jiġi konkluż ftehim jew arranġament ma' pajjiż terz. Dan il-ftehim jew l-arranġament jista' jiġi konkluż biss ma' pajjiż terz fejn l-istandards u l-prinċipji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż il-prinċipju ta' non-refoulement***, jiġu rispettati***.	1. ***1.*** Ir-ritorn skont it-tifsira tal-Artikolu 4, l-ewwel paragrafu, il-punt (3)(g) ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jirrikjedi li jiġi konkluż ftehim jew arranġament ***mill-Unjoni jew minn Stat Membru wieħed jew aktar*** ma' pajjiż terz. Dan il-ftehim jew l-arranġament jista' jiġi konkluż biss ma' pajjiż terz fejn ***ikun hemm impenn ġenerali li jiġu rispettati*** l-istandards u l-prinċipji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż il-prinċipju ta' non-refoulement.

Or. en

Emenda 1211
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Ir-ritorn ***skont it-tifsira tal-Artikolu*** 4, l-ewwel paragrafu, il-punt (3)(g) ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jirrikjedi li jiġi konkluż ftehim jew arranġament ma' pajjiż terz. ***Dan il-ftehim jew l-arranġament jista' jiġi konkluż biss*** ma' pajjiż terz ***fejn l-istandards u l-prinċipji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż il-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu rispettati***.	1. Ir-ritorn ***b'referenza għall-Artikolu*** 4, l-ewwel paragrafu, il-punt (3)(g) ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jirrikjedi li jiġi konkluż ftehim jew arranġament ***mill-Unjoni jew minn Stat Membru wieħed jew aktar*** ma' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 1212
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Ir-ritorn skont it-tifsira tal-Artikolu 4, l-ewwel paragrafu, il-punt (3)(g) ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jirrikjedi li jiġi konkluż ftehim jew arranġament ma' pajjiż terz. Dan il-ftehim jew l-arranġament jista' jiġi konkluż biss ma' pajjiż terz fejn l-istandards u l-prinċipji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż il-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu rispettati.	1. ***1.*** Ir-ritorn skont it-tifsira tal-Artikolu 4, l-ewwel paragrafu, il-punt (3)(g) ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jirrikjedi li jiġi konkluż ftehim jew arranġament ***mill-Unjoni jew minn Stat Membru wieħed jew aktar*** ma' pajjiż terz. Dan il-ftehim jew l-arranġament jista' jiġi konkluż biss ma' pajjiż terz fejn l-istandards u l-prinċipji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż il-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu rispettati.

Or. en

Emenda 1213
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Ir-ritorn skont it-tifsira tal-Artikolu 4, l-ewwel paragrafu, il-punt (3)(g) ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jirrikjedi li jiġi konkluż ftehim jew arranġament ma' pajjiż terz. Dan il-ftehim jew l-arranġament jista' jiġi konkluż biss ma' pajjiż terz fejn l-istandards u l-prinċipji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż il-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu rispettati.	1. Ir-ritorn skont it-tifsira tal-Artikolu 4, l-ewwel paragrafu, il-punt (3)(g) ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jirrikjedi li jiġi konkluż ftehim jew arranġament ***mill-Unjoni jew minn Stat Membru wieħed jew aktar*** ma' pajjiż terz. Dan il-ftehim jew l-arranġament jista' jiġi konkluż biss ma' pajjiż terz fejn l-istandards u l-prinċipji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż il-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu rispettati.

Or. en

Emenda 1214
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. il-proċeduri applikabbli ***għat-trasferiment*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment mit-territorju tal-Istati Membri lejn il-pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1;	a. il-proċeduri applikabbli ***għar-ritorn*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment mit-territorju tal-Istati Membri lejn il-pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1;

Or. en

Emenda 1215
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. il-kundizzjonijiet għas-soġġorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz fil-pajjiż terz ***imsemmi fil-paragrafu 1, inklużi l-obbligi u r-responsabbiltajiet rispettivi tal-Istat Membru u ta' dak il-pajjiż terz;***	b. il-kundizzjonijiet għas-soġġorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz fil-pajjiż terz***.***

Or. en

Emenda 1216
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. il-kundizzjonijiet għas-soġġorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz fil-pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1***, inklużi l-obbligi u r-responsabbiltajiet rispettivi tal-Istat Membru u ta' dak il-pajjiż terz***;	b. il-kundizzjonijiet għas-soġġorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz fil-pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1;

Or. en

Emenda 1217
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. il-kundizzjonijiet għas-soġġorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz fil-pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1, inklużi l-obbligi u r-responsabbiltajiet rispettivi ***tal-Istat Membru u*** ta' dak il-pajjiż terz;	b. il-kundizzjonijiet għas-soġġorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz fil-pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1, inklużi l-obbligi u r-responsabbiltajiet rispettivi ta' dak il-pajjiż terz;

Or. en

Emenda 1218
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. fejn applikabbli, il-modalitajiet ta' ritorn ulterjuri lejn il-pajjiż ta' oriġini jew lejn pajjiż ieħor fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jiddeċiedi volontarjament li jirritorna, u l-konsegwenzi fil-każ fejn dan ma jkunx possibbli;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1219
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

c. fejn applikabbli, il-modalitajiet ta' ritorn ulterjuri lejn il-pajjiż ta' oriġini jew lejn pajjiż ieħor fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jiddeċiedi volontarjament li jirritorna***, u l-konsegwenzi fil-każ fejn dan ma jkunx possibbli***;	c. fejn applikabbli, il-modalitajiet ta' ritorn ulterjuri lejn il-pajjiż ta' oriġini jew lejn pajjiż ieħor fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jiddeċiedi volontarjament li jirritorna;

Or. en

Emenda 1220
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. fejn applikabbli, il-modalitajiet ta' ritorn ulterjuri lejn il-pajjiż ta' oriġini jew lejn pajjiż ieħor fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jiddeċiedi volontarjament li jirritorna***, u l-konsegwenzi fil-każ fejn dan ma jkunx possibbli;***	c. fejn applikabbli, il-modalitajiet ta' ritorn ulterjuri lejn il-pajjiż ta' oriġini jew lejn pajjiż ieħor fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jiddeċiedi volontarjament li jirritorna**.**

Or. en

Emenda 1221
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. l-obbligi tal-pajjiż terz imsemmi fit-tieni sentenza tal-paragrafu 1;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1222
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. korp jew mekkaniżmu indipendenti għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni effettiva tal-ftehim jew l-arranġament;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1223
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. korp jew mekkaniżmu indipendenti għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni effettiva tal-ftehim jew l-arranġament;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1224
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. korp jew mekkaniżmu indipendenti għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni effettiva tal-ftehim jew l-arranġament;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1225
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. korp jew mekkaniżmu indipendenti għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni effettiva tal-ftehim jew l-arranġament;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1226
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. ***korp jew*** mekkaniżmu ***indipendenti*** għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni effettiva tal-ftehim jew l-arranġament;	e. mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni effettiva tal-ftehim jew l-arranġament;

Or. en

Emenda 1227
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
f. il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu f'każ ta' ksur tal-ftehim jew arranġament ***jew bidla sinifikanti li jkollha impatt avvers fuq is-sitwazzjoni tal-pajjiż terz***.	f. il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu f'każ ta' ksur tal-ftehim jew arranġament.

Or. en

Emenda 1228
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
f. il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu f'każ ta' ksur tal-ftehim jew arranġament jew bidla sinifikanti li jkollha impatt avvers fuq is-sitwazzjoni tal-pajjiż terz**.**	f. il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu f'każ ta' ksur tal-ftehim jew arranġament jew bidla sinifikanti li jkollha impatt avvers fuq is-sitwazzjoni tal-pajjiż terz***;***

Or. en

Emenda 1229
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	fa. il-kundizzjonijiet u s-salvagwardji robusti għal minorenni mhux akkumpanjati, inkluża kura xierqa għat-tfal u assigurazzjonijiet ta' sikurezza u benesseri matul il-proċess ta' ritorn.

Or. en

Emenda 1230
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Meta ftehim jew arranġament skont il-paragrafu 1 jistabbilixxi l-modalitajiet ta' ritorn ulterjuri lejn pajjiż ta' ritorn imsemmi fl-Artikolu 4(3)(a)-(f), il-ftehim jew l-arranġament għandu, flimkien mal-paragrafu 2, jistabbilixxi dan li ġej:
	a) il-konsegwenzi f'każ li r-ritorn ulterjuri ma jkunx possibbli;

b) l-obbligi u r-responsabbiltajiet rispettivi tal-Istat Membru jew tal-Unjoni u ta' dak il-pajjiż terz;

c) il-konsegwenzi li jirriżultaw f'każ ta' bidla sinifikanti li jkollha impatt avvers fuq is-sitwazzjoni tal-pajjiż terz;

d) korp jew mekkaniżmu indipendenti għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni effettiva tal-ftehim jew l-arranġament.

e) Il-ftehim jew l-arranġament skont l-ewwel subparagrafu jista' jinkludi l-kundizzjonijiet għal detenzjoni fil-pajjiż terz.

Or. en

Emenda 1231
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Meta ftehim jew arranġament skont il-paragrafu 1 jistabbilixxi l-modalitajiet ta' ritorn ulterjuri lejn pajjiż ta' ritorn imsemmi fl-Artikolu 4(3)(a)-(f), il-ftehim jew l-arranġament għandu, flimkien mal-paragrafu 2, jistabbilixxi dan li ġej:
	a) il-konsegwenzi f'każ li r-ritorn ulterjuri ma jkunx possibbli;
	b) l-obbligi u r-responsabbiltajiet rispettivi tal-Istat Membru jew tal-Unjoni u ta' dak il-pajjiż terz;
	c) il-konsegwenzi li jirriżultaw f'każ ta' bidla sinifikanti li jkollha impatt avvers fuq is-sitwazzjoni tal-pajjiż terz;

Or. en

Emenda 1232
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Kwalunkwe faċilità, stabbilita skont il-qafas ta' ftehimiet bħal dawn, fejn ċittadini ta' pajjiżi terzi joqogħdu f'pajjiż terz għandha tkun immexxija mill-UE u ta' proprjetà tal-UE u bħala tali soġġetta għad-dritt tal-Unjoni għall-finijiet tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.

Or. en

Emenda 1233
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Kull ċittadin ta' pajjiż terz li jiġi ritornat bil-forza skont il-qafas ta' ftehim lejn faċilità barra mill-UE għandu jiġi infurmat dwar dan fid-deċiżjoni ta' ritorn. Din għandha tinkludi l-modalitajiet tas-soġġorn, inkluż kwalunkwe rekwiżit biex wieħed jibqa' disponibbli f'żona ġeografika, u r-ritorn sussegwenti, kif ukoll id-drittijiet u l-obbligi tiegħu jew tagħha dwar il-proċess ta' ritorn lejn u minn dawn il-faċilitajiet, u s-soġġorn tagħhom fihom. Ċittadini ta' pajjiżi terzi, ħlief għal dawk ritornati skont l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament, għandu jkollhom il-possibbiltà li jirritornaw volontarjament lejn pajjiż terz fi kwalunkwe mument matul is-soġġorn tagħhom fil-faċilità.

Or. en

Emenda 1234
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Il-ftehim jew l-arranġament skont l-ewwel subparagrafu jista' jinkludi l-kundizzjonijiet għal detenzjoni fil-pajjiż terz.

Or. en

Emenda 1235
Charlie Weimers, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Qabel ma jikkonkludu ftehim jew arranġament skont il-paragrafu 1,*** l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.	3. ***L-Istati Membri għandhom iżommu lill-Istati Membri rilevanti infurmati dwar in-negozjati ma' pajjiż terz li jikkondividi fruntiera tal-art komuni ma' dawk l-Istati Membri.*** L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra ***bi kwalunkwe ftehim jew arranġament bilaterali jew multilaterali konkluż f'konformità mal-paragrafu 1, qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom, jew, meta ftehim jew arranġament għandu jiġi applikat b'mod proviżorju, qabel il-bidu tal-applikazzjoni proviżorja tiegħu. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe bidla sussegwenti ta' tali ftehimiet jew arranġamenti, jew bit-terminazzjoni tagħhom.***

Or. en

Emenda 1236
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Qabel ma jikkonkludu ftehim jew arranġament skont il-paragrafu 1,*** l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.	3. ***L-Istati Membri għandhom iżommu lill-Istati Membri rilevanti infurmati dwar in-negozjati ma' pajjiż terz li jikkondividi fruntiera tal-art komuni ma' dawk l-Istati Membri.*** L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra ***bi kwalunkwe ftehim jew arranġament bilaterali jew multilaterali konkluż f'konformità mal-paragrafu 1, qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom, jew, meta ftehim jew arranġament għandu jiġi applikat b'mod proviżorju, qabel il-bidu tal-applikazzjoni proviżorja tiegħu***. ***L-Istati Membri għandhom jinfurmaw ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe bidla sussegwenti ta' tali ftehimiet jew arranġamenti, jew bit-terminazzjoni tagħhom.***

Or. en

Emenda 1237
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Fredis Beleris

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qabel ma jikkonkludu ftehim jew arranġament skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.	3. Qabel ma jikkonkludu ftehim jew arranġament skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra. ***Meta l-pajjiż terz ikkonċernat ikollu***

fruntiera komuni ma' Stat Membru, hija meħtieġa konsultazzjoni minn qabel ma' dak l-Istat Membru qabel ma jinbdew in-negozjati dwar kwalunkwe ftehim jew arranġament bħal dan.

Or. en

Emenda 1238
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Qabel ma*** jikkonkludu ftehim jew arranġament skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.	3. ***Wara li*** jikkonkludu ftehim jew arranġament skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra. ***L-istess japplika għal bidliet sussegwenti ta' ftehimiet jew arranġamenti eżistenti.***

Or. en

Emenda 1239
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Qabel ma jikkonkludu*** ftehim jew arranġament skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.	3. ***Wara l-konklużjoni ta'*** ftehim jew arranġament skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

Or. en

Emenda 1240
Marieke Ehlers

f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. It-trasferiment ta' ċittadin ta' pajjiż terz skont dan l-Artikolu għandu jissodisfa l-obbligi tal-Istat Membru li jwettaq ir-ritorn fil-konfront ta' ċittadin ta' pajjiż terz, ħlief kif previst mod ieħor fil-ftehim jew l-arranġament imsemmi fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 1241
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Minorenni mhux akkumpanjati u familji b'minorenni ma għandhomx jiġu ritornati lejn pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-ritorn ta' minorenni mhux akkumpanjati lejn l-hekk imsejħa ċentri ta' ritorn f'pajjiżi terzi sikuri huwa kompatibbli mal-aħjar interessi tat-tfal, peress li dan mhux neċessarjament jirrikjedi li jibqgħu fl-UE, iżda jiżgura li l-bżonnijiet speċifiċi tat-tfal, li jistgħu jkomplu jeżistu fil-pajjiż terz, jitqiesu b'mod xieraq. L-Artikolu 59(6) tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil jippermetti t-trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjati, dment li l-awtoritajiet tal-pajjiż terz jiggarantixxu l-kura tagħhom u li jiġi żgurat aċċess immedjat għal protezzjoni effettiva. Taħt dawn il-kundizzjonijiet, soġġorn fil-pajjiż terz la huwa irraġonevoli u lanqas ma jikkostitwixxi interferenza sproporzjonata mad-drittijiet fundamentali.

Emenda 1242
Marieke Ehlers

f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Minorenni mhux akkumpanjati u familji b'minorenni ma għandhomx jiġu ritornati lejn pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1243
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Minorenni mhux akkumpanjati u familji b'minorenni ma għandhomx jiġu ritornati lejn pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1244
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Minorenni mhux akkumpanjati u familji b'minorenni ***ma għandhomx*** jiġu ritornati lejn pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1.	4. Minorenni mhux akkumpanjati u familji b'minorenni ***jistgħu*** jiġu ritornati lejn pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1. ***L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiżguraw li jingħataw kura hekk kif jaslu fil-pajjiż terz u li l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza tagħhom jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2.***

Or. fr

Emenda 1245
Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Minorenni mhux akkumpanjati ***u*** familji b'minorenni ma għandhomx jiġu ritornati lejn pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1.	4. Minorenni mhux akkumpanjati***,*** familji b'minorenni***, u persuni vulnerabbli kif definiti fl-Artikolu 4*** ma għandhomx jiġu ritornati lejn pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 1246
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Minorenni mhux akkumpanjati ***u familji b'minorenni*** ma għandhomx jiġu ritornati lejn pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1.	4. Minorenni mhux akkumpanjati ma għandhomx jiġu ritornati lejn pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1***, ħlief f'każijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 16***.

Or. en

Emenda 1247
Cecilia Strada, Marco Tarquinio, Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Minorenni mhux akkumpanjati u***	4. ***Persuni vulnerabbli*** ma

familji b'minorenni ma għandhomx jiġu ritornati lejn pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1.	għandhomx jiġu ritornati lejn pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 1248
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Minorenni mhux akkumpanjati ***u familji b'minorenni*** ma għandhomx jiġu ritornati lejn pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1.	4. Minorenni mhux akkumpanjati ma għandhomx jiġu ritornati lejn pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 1249
Abir Al-Sahlani, Irena Joveva, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, ċittadini ta' pajjiżi terzi li s-sitwazzjoni tagħhom hija koperta mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4a ma għandhomx jiġu ritornati lejn pajjiż li miegħu hemm ftehim kif definit mill-Artikolu 4(3)(g).

Or. en

Emenda 1250
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 18	***imħassar***
L-aħjar interess tat-tfal	
L-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet f'konformità ma' dan ir-Regolament.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Billi jħassar l-Artikolu 18, ir-Regolament jevita li joħloq ambigwitajiet legali u inċentivi perversi li jistgħu jwasslu għall-isfruttament tal-minorenni. L-obbligu fundamentali li jitqiesu l-aħjar interessi tat-tfal jibqa' kompletament intatt u infurzabbli permezz tal-Karta u d-dritt internazzjonali, filwaqt li jippermetti politika ta' ritorn li tkun kemm effettiva kif ukoll ġusta.

Emenda 1251
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja meta ***jiġu applikati d-dispożizzjonijiet*** f'konformità ***ma' dan ir-Regolament***.	L-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja meta ***jiġi applikat dan ir-Regolament. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interessi individwali tat-tfal, l-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, iqisu kif xieraq il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni fuq terminu qasir, medju u twil, kunsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà u l-fehmiet tal-minorenni*** f'konformità ***mal-età u l-maturità tiegħu jew tagħha, inkluż l-isfond tiegħu jew tagħha***.

Or. en

Emenda 1252

Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet f'konformità ma' dan ir-Regolament.	L-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet f'konformità ma' dan ir-Regolament***, dment li l-età tal-persuna tkun ġiet ivvalutata kif suppost f'konformità mal-Artikolu 19, jew meta d-dehra fiżika tal-persuna ma tħalli l-ebda dubju raġonevoli għall-awtoritajiet kompetenti dwar l-età tagħha***.

Or. en

Emenda 1253
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja meta ***jiġu applikati*** d-dispożizzjonijiet f'konformità ma' dan ir-Regolament.	L-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja meta ***jiġi applikat dan ir-Regolament. F'dak ir-rigward, jekk it-tfal għandhom jiġu ritornati*** f'konformità ma' dan ir-Regolament***, jistgħu jiġu ritornati biss lejn pajjiżi ta' ritorn imsemmija fl-Artikolu 4(3)(a), (b) u (d)***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tfal ma għandhomx jintbagħtu lura lejn pajjiżi li ma jkollhom l-ebda konnessjoni magħhom. Huwa imperattiv li r-ritorn tagħhom jiġi limitat lejn pajjiżi li magħhom ikollhom konnessjoni sinifikattiva.

Emenda 1254
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-aħjar interessi tat-tfal għandhom ***ikunu kunsiderazzjoni primarja*** meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet f'konformità ma' dan ir-Regolament.	L-aħjar interessi tat-tfal għandhom ***jiġu kkunsidrati*** meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet f'konformità ma' dan ir-Regolament ***iżda ma jistax minnu nnifsu jipprevjeni r-ritorn effettiv ta' minorenni li huwa ċittadin ta' pajjiż terz f'sitwazzjoni irregolari fit-territorju tal-Unjoni***.

Or. fr

Emenda 1255
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja meta ***jiġu applikati d-dispożizzjonijiet f'konformità ma' dan ir-Regolament***.	***1.*** L-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja meta ***tiġi applikata din id-Direttiva***.

Or. en

Emenda 1256
Cecilia Strada, Marco Tarquinio, Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Valutazzjoni tal-aħjar interessi trid tkun komprensiva u tqis:
	i. il-possibbiltajiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, abbażi tal-eżistenza ta' rabta

familjari;

ii. il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni fuq terminu qasir, medju u twil, inklużi sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltajiet addizzjonali bħal trawma, bżonnijiet speċifiċi tas-saħħa jew diżabbiltà, billi titqies b'mod partikolari l-ħtieġa tal-istabbiltà u tal-kontinwità fil-kura soċjali u edukattiva;

iii. kunsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà, b'mod partikolari meta jkun hemm riskju li l-minorenni jkun vittma ta' kwalunkwe għamla ta' vjolenza jew sfruttament, inkluż traffikar tal-bnedmin;

iv. il-fehmiet tal-minorenni, f'konformità mal-età u l-maturità tiegħu jew tagħha;

v. meta l-applikant ikun minorenni mhux akkompanjat;

Or. en

Emenda 1257
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2. Id-deċiżjonijiet fil-kuntest tal-proċedura ta' ritorn li tinvolvi minorenni, inklużi tfal mhux akkumpanjati jew separati u tfal f'familji, għandhom dejjem ikunu preċeduti minn proċedura individwali formalizzata ta' determinazzjoni tal-aħjar interess tat-tfal, imwettqa b'mod multidixxiplinari minn atturi mħarrġa, li jinvolvu b'mod sinifikattiv atturi tad-drittijiet u l-protezzjoni tat-tfal, inklużi l-awtoritajiet responsabbli għall-protezzjoni u l-benesseri tat-tfal, li jenħtieġ li jkollhom rwol ta' gwida. L-Istati Membri għandhom jirrispettaw id-dritt ta' kull tifel u tifla għall-ħajja privata u tal-

familja u ma għandhomx jisseparaw lit-tfal mill-ġenituri tagħhom sakemm ma jkunx meħtieġ mill-aħjar interessi tat-tfal.

Or. en

Emenda 1258
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw mill-qrib ma' xulxin u għandhom jibbażaw il-valutazzjoni tagħhom fuq informazzjoni komprensiva u aġġornata, inkluża informazzjoni speċifika għat-tfal dwar il-pajjiż ta' oriġini kemm mill-Istat ospitanti kif ukoll mill-pajjiż ta' ritorn. B'mod partikolari, dawn għandhom iqisu kif suppost il-fatturi li ġejjin:
	(a) il-possibbiltajiet ta' riunifikazzjoni tal-familja;
	(b) il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni fuq terminu qasir, medju u twil, inklużi sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltajiet bħal trawma, bżonnijiet speċifiċi tas-saħħa jew diżabbiltà, billi jitqiesu b'mod partikolari l-oriġini etnika, reliġjuża, kulturali u lingwistika tal-minorenni, u billi titqies il-ħtieġa tal-istabbiltà u tal-kontinwità fil-kura soċjali u edukattiva;
	(c) kunsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà, b'mod partikolari meta jkun hemm riskju li l-minorenni jkun vittma ta' kwalunkwe għamla ta' vjolenza jew sfruttament, inkluż traffikar tal-bnedmin;
	(d) il-fehmiet tal-minorenni, f'konformità mal-età u l-maturità tiegħu jew tagħha;

(e) meta l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat, l-informazzjoni pprovduta mir-rappreżentant fl-Istat Membru fejn ikun preżenti l-minorenni mhux akkumpanjat;

(f) kwalunkwe raġuni oħra rilevanti għall-valutazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal.

Or. en

Emenda 1259
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu limiti ta' żmien raġonevoli għall-valutazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal fil-każ ta' minorenni mhux akkumpanjati, meta ma tkunx għadha nħarġet deċiżjoni ta' ritorn wara ċaħda tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew kwalunkwe permess ta' residenza ieħor.

Or. en

Emenda 1260
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Valutazzjoni tal-età ***tal-minorenni***	Valutazzjoni tal-età

Or. en

Emenda 1261
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, bħala riżultat ta' dikjarazzjonijiet miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, evidenza dokumentarja disponibbli jew indikazzjonijiet rilevanti oħra, ikun hemm dubji dwar jekk huwiex minorenni jew le, l-awtorità kompetenti tista' twettaq valutazzjoni multidixxiplinari, inkluża valutazzjoni psikosoċjali, li għandha titwettaq minn professjonisti kwalifikati, biex tiġi ddeterminata l-età taċ-ċittadin ta' pajjiż terz. L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1348 għandu japplika ***b'analoġija*** għal din il-valutazzjoni.	Meta, bħala riżultat ta' dikjarazzjonijiet miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, evidenza dokumentarja disponibbli jew indikazzjonijiet rilevanti oħra, ikun hemm dubji dwar jekk huwiex minorenni jew le, l-awtorità kompetenti tista' twettaq valutazzjoni multidixxiplinari, inkluża valutazzjoni psikosoċjali, li għandha titwettaq minn professjonisti kwalifikati ***u b'mod li jqis is-sitwazzjoni tat-tfal***, biex tiġi ddeterminata l-età taċ-ċittadin ta' pajjiż terz. ***Il-valutazzjoni tal-età ma għandhiex tkun ibbażata biss fuq id-dehra fiżika jew fuq l-imġiba taċ-ċittadin ta' pajjiż terz. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu d-dritt li jitlob li l-eżamijiet isiru minn individwu tal-istess sess. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-età, id-dokumenti disponibbli għandhom jitqiesu bħala ġenwini għajr jekk ikun hemm evidenza li mhumiex, u d-dikjarazzjonijiet li jsiru mill-minorenni għandhom jiġu kkunsidrati.*** L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1348***, inkluża l-preżunzjoni ta' età minuri u l-benefiċċju tad-dubju,*** għandu japplika għal din il-valutazzjoni. ***Meta ċittadin ta' pajjiż terz ikun ġie soġġett għal verifika tal-età matul il-proċedura tal-asil u jkun ġie ddeterminat li huwa minorenni, l-eżitu ta' din il-valutazzjoni għandu jiġi applikat matul il-proċedura ta' ritorn u ma għandha ssir l-ebda valutazzjoni ulterjuri.***

Or. en

Emenda 1262
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, bħala riżultat ta' dikjarazzjonijiet miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, evidenza dokumentarja disponibbli jew indikazzjonijiet rilevanti oħra, ikun hemm dubji dwar jekk huwiex minorenni jew le, l-awtorità kompetenti tista' twettaq valutazzjoni multidixxiplinari, inkluża valutazzjoni psikosoċjali, li għandha titwettaq minn professjonisti kwalifikati, biex tiġi ddeterminata l-età taċ-ċittadin ta' pajjiż terz. L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1348 għandu japplika b'analoġija għal din il-valutazzjoni.	Meta, bħala riżultat ta' dikjarazzjonijiet miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, evidenza dokumentarja disponibbli jew indikazzjonijiet rilevanti oħra, ikun hemm dubji dwar jekk huwiex minorenni jew le***, u meta tali valutazzjoni tkun għadha ma twettqitx bħala parti minn proċedura tal-asil***, l-awtorità kompetenti tista' twettaq valutazzjoni multidixxiplinari, inkluża valutazzjoni psikosoċjali, li għandha titwettaq minn professjonisti kwalifikati, biex tiġi ddeterminata l-età taċ-ċittadin ta' pajjiż terz. L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1348 għandu japplika b'analoġija għal din il-valutazzjoni. ***Meta r-riżultat ta' valutazzjoni tal-età msemmija f'dan il-paragrafu ma jkunx konklużiv fir-rigward tal-età taċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew jinkludi firxa ta' età taħt it-18-il sena, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jassumu li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwa minorenni.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-Artikolu 25(2) tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil.

Emenda 1263
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta***, bħala riżultat ta' dikjarazzjonijiet miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, evidenza dokumentarja disponibbli jew indikazzjonijiet rilevanti oħra, ikun*** hemm	Meta ***jkun*** hemm ***xi*** dubji dwar jekk ***iċ-ċittadin ta' pajjiż terz*** huwiex minorenni jew le, l-awtorità kompetenti ***għandha*** twettaq ***eżami mediku***, inkluża valutazzjoni

dubji dwar jekk huwiex minorenni jew le, l-awtorità kompetenti ***tista'*** twettaq ***valutazzjoni multidixxiplinari***, inkluża valutazzjoni ***psikosoċjali, li għandha titwettaq*** minn professjonisti kwalifikati***,*** biex tiġi ddeterminata l-età taċ-ċittadin ta' pajjiż terz. ***L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1348 għandu japplika b'analoġija għal din il-valutazzjoni.***	***tal-għadam u tas-snien. Dan għandu jitwettaq*** minn professjonisti kwalifikati biex tiġi ddeterminata l-età taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 1264
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, bħala riżultat ta' dikjarazzjonijiet miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, evidenza dokumentarja disponibbli jew indikazzjonijiet rilevanti oħra, ikun hemm dubji dwar jekk huwiex minorenni jew le, l-awtorità kompetenti ***tista'*** twettaq valutazzjoni ***multidixxiplinari, inkluża valutazzjoni psikosoċjali, li għandha titwettaq minn professjonisti kwalifikati, biex tiġi ddeterminata l-età taċ-ċittadin ta' pajjiż terz***. L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1348 ***għandu*** japplika b'analoġija għal din il-valutazzjoni.	Meta, bħala riżultat ta' dikjarazzjonijiet miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, evidenza dokumentarja disponibbli jew indikazzjonijiet rilevanti oħra, ikun hemm dubji dwar jekk huwiex minorenni jew le, l-awtorità kompetenti ***għandha*** twettaq valutazzjoni ***tal-età f'konformità mad-dritt nazzjonali.*** L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1348 ***jista'*** japplika b'analoġija għal din il-valutazzjoni.

Or. en

Emenda 1265
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, bħala riżultat ta' dikjarazzjonijiet	Meta, bħala riżultat ta' dikjarazzjonijiet

miċ-ċittadin ta’ pajjiż terz, evidenza dokumentarja disponibbli jew indikazzjonijiet rilevanti oħra, ikun hemm dubji dwar jekk huwiex minorenni jew le, l-awtorità kompetenti tista’ twettaq ***valutazzjoni multidixxiplinari, inkluża valutazzjoni psikosoċjali, li għandha titwettaq minn professjonisti kwalifikati, biex tiġi ddeterminata l-età taċ-ċittadin ta’ pajjiż terz***. L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1348 ***għandu*** japplika b’analoġija għal din il-valutazzjoni.

miċ-ċittadin ta’ pajjiż terz, evidenza dokumentarja disponibbli jew indikazzjonijiet rilevanti oħra, ikun hemm dubji dwar jekk huwiex minorenni jew le, l-awtorità kompetenti tista’ twettaq ***valutazzjoni tal-età f’konformità mad-dritt nazzjonali***. L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1348 ***jista’*** japplika b’analoġija għal din il-valutazzjoni.

Or. en

Emenda 1266
Marieke Ehlers
f’isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta***, bħala riżultat ta’ dikjarazzjonijiet miċ-ċittadin ta’ pajjiż terz, evidenza dokumentarja disponibbli jew indikazzjonijiet rilevanti oħra, ikun*** hemm dubji dwar jekk huwiex minorenni jew le, l-awtorità kompetenti tista’ twettaq valutazzjoni multidixxiplinari, inkluża valutazzjoni psikosoċjali, li għandha titwettaq minn professjonisti kwalifikati, biex tiġi ddeterminata l-età taċ-ċittadin ta’ pajjiż terz. L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1348 għandu japplika b’analoġija għal din il-valutazzjoni.	Meta ***jkun*** hemm dubji dwar jekk huwiex minorenni jew le, l-awtorità kompetenti tista’ twettaq valutazzjoni multidixxiplinari, inkluża valutazzjoni psikosoċjali, li għandha titwettaq minn professjonisti kwalifikati, biex tiġi ddeterminata l-età taċ-ċittadin ta’ pajjiż terz. L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1348 għandu japplika b’analoġija għal din il-valutazzjoni.

Or. en

Emenda 1267
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, bħala riżultat ta' dikjarazzjonijiet miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, evidenza dokumentarja disponibbli jew indikazzjonijiet rilevanti oħra, ikun hemm dubji dwar jekk huwiex minorenni jew le, l-awtorità kompetenti tista' twettaq valutazzjoni multidixxiplinari, inkluża valutazzjoni psikosoċjali, li għandha titwettaq minn professjonisti kwalifikati, biex tiġi ddeterminata l-età taċ-ċittadin ta' pajjiż terz. L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1348 għandu japplika b'analoġija għal din il-valutazzjoni.	Meta, bħala riżultat ta' dikjarazzjonijiet miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, evidenza dokumentarja disponibbli jew indikazzjonijiet rilevanti oħra, ikun hemm dubji dwar jekk huwiex minorenni jew le, l-awtorità kompetenti tista' twettaq valutazzjoni multidixxiplinari, inkluża valutazzjoni psikosoċjali ***u eżamijiet mediċi***, li għandha titwettaq minn professjonisti kwalifikati, biex tiġi ddeterminata l-età taċ-ċittadin ta' pajjiż terz. L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1348 għandu japplika b'analoġija għal din il-valutazzjoni.

Or. fr

Emenda 1268
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, bħala riżultat ta' dikjarazzjonijiet miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, evidenza dokumentarja disponibbli jew indikazzjonijiet rilevanti oħra, ikun hemm dubji dwar jekk huwiex minorenni jew le, l-awtorità kompetenti ***tista'*** twettaq valutazzjoni ***multidixxiplinari***, inkluża valutazzjoni psikosoċjali, li għandha titwettaq minn professjonisti kwalifikati, biex tiġi ddeterminata l-età taċ-ċittadin ta' pajjiż terz. L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1348 ***għandu*** japplika b'analoġija għal din il-valutazzjoni.	Meta, bħala riżultat ta' dikjarazzjonijiet miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, evidenza dokumentarja disponibbli jew indikazzjonijiet rilevanti oħra, ikun hemm dubji dwar jekk huwiex minorenni jew le, l-awtorità kompetenti ***għandha*** twettaq valutazzjoni ***tal-età f'konformità mad-dritt nazzjonali***, inkluża valutazzjoni psikosoċjali, li għandha titwettaq minn professjonisti kwalifikati, biex tiġi ddeterminata l-età taċ-ċittadin ta' pajjiż terz. L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1348 ***jista'*** japplika b'analoġija għal din il-valutazzjoni.

Or. en

Emenda 1269
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, bħala riżultat ta' dikjarazzjonijiet miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, ***evidenza dokumentarja disponibbli*** jew indikazzjonijiet rilevanti oħra, ikun hemm dubji dwar jekk huwiex minorenni jew le, l-awtorità kompetenti ***tista'*** twettaq valutazzjoni multidixxiplinari, inkluża valutazzjoni psikosoċjali, li għandha titwettaq minn professjonisti kwalifikati, biex tiġi ddeterminata l-età taċ-ċittadin ta' pajjiż terz. ***L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1348 għandu japplika b'analoġija għal din*** il-valutazzjoni.	***1.*** Meta, bħala riżultat ta' dikjarazzjonijiet miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, jew indikazzjonijiet rilevanti oħra, ikun hemm dubji dwar jekk huwiex minorenni jew le, ***u*** l-awtorità kompetenti ***tiddeċiedi li*** twettaq ***valutazzjoni tal-età, din trid tkun*** valutazzjoni multidixxiplinari, inkluża valutazzjoni psikosoċjali, li għandha titwettaq minn professjonisti kwalifikati, biex tiġi ddeterminata l-età taċ-ċittadin ta' pajjiż terz. ***Meta tkun disponibbli evidenza dokumentarja,*** il-valutazzjoni ***tal-età ma għandhiex tkun meħtieġa***.

Or. en

Emenda 1270
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-awtorità kompetenti tista' tibbaża fuq il-valutazzjoni tal-età mwettqa qabel fi stadju aktar bikri tal-proċedura ta' ritorn jew fi kwalunkwe proċedura amministrattiva jew ġudizzjarja rilevanti oħra, meta dik il-valutazzjoni tibqa' valida u applikabbli u tkun twettqet bl-użu tal-metodi l-inqas intrużivi disponibbli. Stat Membru jista' jirrikonoxxi wkoll deċiżjoni ta' valutazzjoni tal-età meħuda minn Stat Membru ieħor, dment li l-valutazzjoni tkun twettqet f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u toffri salvagwardji proċedurali ekwivalenti. Għall-fini li tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn, l-awtoritajiet

kompetenti jistgħu jagħtu prijorità lill-evidenza dokumentarja eżistenti u d-determinazzjonijiet preċedenti qabel ma jqisu kwalunkwe miżura ulterjuri ta' valutazzjoni tal-età. Valutazzjonijiet addizzjonali tal-età għandhom isiru biss fejn toħroġ informazzjoni ġdida u materjalment rilevanti jew meta l-evidenza disponibbli ma tkunx adegwata biex tikkonferma l-età ddikjarata.

Or. en

Emenda 1271
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2. Valutazzjonijiet tal-età multidixxiplinari għandhom jitwettqu b'mod li jkun sikur, iqis is-sitwazzjoni tat-tfal, u sensittiv għall-ġeneru, filwaqt li jiġi żgurat rispett sħiħ għad-dinjità tal-bniedem. Qatt ma għandhom jintużaw metodi li jinvolvu nudità jew l-eżami, l-osservazzjoni, jew il-kejl tal-ġenitali jew żoni intimi. Barra minn hekk, it-tfal għandu jkollhom id-dritt li jitolbu li l-eżamijiet isiru minn individwu tal-istess sess. L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1348 għandu japplika għal din il-valutazzjoni, inklużi l-garanziji u s-salvagwardji proċedurali kollha kif ukoll il-preżunzjoni ta' età minuri u l-benefiċċju tad-dubju.

Or. en

Emenda 1272
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Minbarra l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu fid-dritt nazzjonali tagħhom l-użu ta' metodi oħra biex tiġi ddeterminata l-età, dment li dawn il-metodi jiggarantixxu livell ekwivalenti jew ogħla ta' preċiżjoni, jew ikunu inqas intrużivi, jew ikunu aktar kosteffettivi. Dawn il-metodi jistgħu jinkludu tekniki vvalidati xjentifikament, bħall-analiżi tad-DNA, fejn il-persuna kkonċernata għandha tkun meħtieġa tikkoopera mal-ġbir ta' kampjun bijoloġiku għall-fini unika ta' verifika tal-età.

Or. en

Emenda 1273
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex jitqies li persuna li tiddikjara li hija minorenni tista' toħloq theddida għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-proċedura ta' valutazzjoni tal-età titwettaq bħala kwistjoni ta' prijorità u mingħajr dewmien żejjed, b'rispett sħiħ għall-prinċipji ta' neċessità u proporzjonalità.

Or. en

Emenda 1274

Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2. L-awtorità kompetenti tista' tibbaża fuq valutazzjoni tal-età eżistenti mwettqa fi stadji preċedenti tal-proċedura ta' ritorn jew fi proċeduri rilevanti oħra.

Or. en

Emenda 1275
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni tal-età meħuda minn Stati Membri oħra, jew iwettqu l-valutazzjoni tagħhom stess meta jkun meħtieġ.

Or. en

Emenda 1276
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3. Valutazzjoni tal-età mwettqa f'konformità mad-dritt tal-Unjoni fi proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji preċedenti fi kwalunkwe Stat Membru trid titqies suffiċjenti sabiex tiġi ddeterminata l-età ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jgħid li huwa minorenni.

Or. en

Emenda 1277
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Ir-rifjut li ssir valutazzjoni tal-età, inkluż l-eżami mediku, ma għandux jipprevjeni lill-awtorità determinanti milli tieħu deċiżjoni dwar l-età taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 1278
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3. Stat Membru jista' jirrikonoxxi deċiżjonijiet tal-valutazzjoni tal-età li jittieħdu minn Stati Membri oħra meta l-valutazzjonijiet tal-età jkunu saru f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1279
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Meta Stat Membru jadotta leġiżlazzjoni nazzjonali skont il-paragrafu 2, għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bid-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati.

Or. en

Emenda 1280
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri jistgħu jibbażaw fuq valutazzjoni tal-età eżistenti mwettqa fi stadji preċedenti tal-proċedura ta' ritorn jew fi proċeduri rilevanti oħra.

Or. en

Emenda 1281
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni tal-età meħuda minn Stati Membri oħra.

Or. en

Emenda 1282
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta ċittadin ta' pajjiż terz jiċħad li jgħaddi mill-proċedura ta' valutazzjoni tal-età, għandu jitqies bħala adult għall-fini ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1283
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ritorn ta' ***minorenni*** mhux akkumpanjati	Ritorn ta' ***tfal*** mhux akkumpanjati

Or. en

Emenda 1284
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ritorn ta' minorenni ***mhux akkumpanjati***	Ritorn ta' minorenni

Or. en

Emenda 1285
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ritorn ta’ minorenni ***mhux akkumpanjati***	Ritorn ta’ minorenni

Or. en

Emenda 1286
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni li tinħareġ deċiżjoni ta’ ritorn fir-rigward ta’ minorenni mhux akkumpanjat, għandha tiġi pprovduta assistenza minn korpi xierqa għajr l-awtoritajiet li jinfurzaw ir-ritorn f’konformità mal-aħjar interessi tat-tfal.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1287
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni li tinħareġ deċiżjoni ta’ ritorn fir-rigward ta’ minorenni ***mhux akkumpanjat***, għandha tiġi pprovduta assistenza minn korpi xierqa għajr l-awtoritajiet li jinfurzaw ir-ritorn f’konformità mal-aħjar interessi tat-tfal.	1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni li tinħareġ deċiżjoni ta’ ritorn fir-rigward ta’ minorenni, għandha tiġi pprovduta assistenza minn korpi xierqa għajr l-awtoritajiet li jinfurzaw ir-ritorn f’konformità mal-aħjar interessi tat-tfal. ***L-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjoni formalizzata u dokumentata tal-aħjar interessi individwali, biex jidentifikaw soluzzjonijiet dejjiema għat-tfal, ibbażati fuq kunsiderazzjoni tal-aħjar interessi tagħhom, irrispettivament minn jekk humiex f’familja jew humiex tfal***

	mhux akkumpanjati jew separati. Tali valutazzjonijiet għandhom jitwettqu b'mod multidixxiplinari minn atturi mħarrġa, li jinvolvu b'mod sinifikattiv atturi tad-drittijiet u l-protezzjoni tat-tfal, inklużi l-awtoritajiet responsabbli għall-protezzjoni u l-benesseri tat-tfal. F'każijiet li fihom ir-ritorn jitqies li jservi għall-aħjar interessi tat-tfal, għandhom jiġu stabbiliti miżuri ta' implimentazzjoni speċifiċi u xierqa.

Or. en

Emenda 1288
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Qabel ma tittieħed deċiżjoni li tinħareġ*** deċiżjoni ta' ritorn fir-rigward ta' minorenni mhux ***akkumpanjat***, ***għandha tiġi pprovduta assistenza minn korpi xierqa għajr l-awtoritajiet li jinfurzaw ir-ritorn f'konformità mal-aħjar*** interessi tat-tfal.	1. ***L-Istati Membri ma għandhomx joħorġu*** deċiżjoni ta' ritorn fir-rigward ta' minorenni***. Għal minorenni*** mhux ***akkumpanjati***, ***wara li jiġu vvalutati l-aħjar*** interessi tat-tfal ***imsemmija fl-Artikolu 18, u biss jekk ikun fl-aħjar interessi tat-tfal, tista' tittieħed deċiżjoni biex il-minorenni jerġa' jingħaqad mal-familja tiegħu fil-pajjiż ta' oriġini jew residenza tiegħu taħt kundizzjonijiet sikuri u meta jkun hemm rabta familjari protettiva u fejn ikunu qed jgħixu legalment u fejn il-minorenni se jgħix legalment ukoll. Is-sempliċi eżistenza ta' membri tal-familja fil-pajjiż ta' oriġini ma għandhiex tkun biżżejjed fiha nnifisha biex tiżgura l-benesseri u s-sigurtà tat-tfal.***

Or. en

Emenda 1289

Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni ***li tinħareġ*** deċiżjoni ta' ritorn fir-rigward ta' minorenni mhux akkumpanjat, għandha tiġi pprovduta assistenza minn korpi xierqa għajr l-awtoritajiet li jinfurzaw ir-ritorn ***f'konformità mal-aħjar interessi tat-tfal***.	1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni ***dwar jekk tinħariġx*** deċiżjoni ta' ritorn fir-rigward ta' minorenni mhux akkumpanjat, ***l-awtoritajiet tar-ritorn għandhom jivvalutaw l-aħjar interess tat-tfal. F'dak ir-rigward,*** għandha tiġi pprovduta assistenza ***lill-minorenni*** minn korpi xierqa għajr l-awtoritajiet li jinfurzaw ir-ritorn.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jkun ċar li t-test tal-aħjar interessi tat-tfal irid jiġi applikat qabel ma tinħareġ deċiżjoni ta' ritorn.

Emenda 1290
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Qabel ma tittieħed deċiżjoni li tinħareġ deċiżjoni ta' ritorn fir-rigward ta' minorenni mhux akkumpanjat,*** għandha tiġi pprovduta assistenza minn korpi xierqa għajr l-awtoritajiet li jinfurzaw ir-ritorn f'konformità mal-aħjar interessi tat-tfal.	1. Għandha tiġi pprovduta assistenza minn korpi xierqa għajr l-awtoritajiet li jinfurzaw ir-ritorn f'konformità mal-aħjar interessi tat-tfal.

Or. en

Emenda 1291
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni li tinħareġ deċiżjoni ta' ritorn fir-rigward ta' ***minorenni*** mhux akkumpanjat, għandha tiġi pprovduta assistenza minn korpi xierqa għajr l-awtoritajiet li jinfurzaw ir-ritorn f'konformità mal-aħjar interessi tat-tfal.	1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni li tinħareġ deċiżjoni ta' ritorn fir-rigward ta' ***tfal*** mhux akkumpanjat, għandha tiġi pprovduta assistenza minn korpi xierqa għajr l-awtoritajiet li jinfurzaw ir-ritorn f'konformità mal-aħjar interessi tat-tfal.

Or. en

Emenda 1292
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Rappreżentant jew persuna mħarrġa biex tissalvagwardja l-aħjar interessi tat-tfal għandhom jinħatru biex jirrappreżentaw, jassistu u jaġixxu, kif applikabbli, f'isem minorenni mhux akkumpanjat fil-proċess ta' ritorn. Għandu jiġi żgurat li r-rappreżentant maħtur ikun imħarreġ kif xieraq f'komunikazzjoni adattata għat-tfal u adatta għall-età u li jkun jitkellem lingwa li l-minorenni jifhem. Dik il-persuna għandha tkun il-persuna ddeżinjata biex taġixxi bħala rappreżentant skont id-Direttiva (UE) 2024/1346 meta l-persuna tkun ġiet iddeżinjata f'konformità mal-Artikolu 27 ta' dik id-Direttiva.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1293
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Rappreżentant jew persuna mħarrġa biex tissalvagwardja l-aħjar interessi tat-tfal għandhom jinħatru biex ***jirrappreżentaw***, ***jassistu*** u ***jaġixxu***, kif applikabbli, f'isem minorenni mhux akkumpanjat fil-proċess ta' ritorn. Għandu jiġi żgurat li r-rappreżentant maħtur ikun imħarreġ kif xieraq f'komunikazzjoni adattata għat-tfal u adatta għall-età u li jkun jitkellem lingwa li l-minorenni jifhem. ***Dik il-persuna għandha tkun*** il-persuna ddeżinjata biex taġixxi bħala rappreżentant skont id-Direttiva (UE) 2024/1346 meta l-persuna tkun ġiet iddeżinjata f'konformità mal-Artikolu 27 ta' dik id-Direttiva.	2. Rappreżentant jew persuna mħarrġa biex tissalvagwardja l-aħjar interessi tat-tfal għandhom jinħatru ***mill-aktar fis possibbli u, mhux aktar tard minn 15-il jum tax-xogħol mid-data li fiha jinstab il-minorenni. Jekk ikun meħtieġ, u sakemm jinħatar rappreżentant, għandha tinħatar persuna mħarrġa kif suppost biex tissalvagwardja l-aħjar interessi tat-tfal u*** biex ***tirrappreżenta***, ***tassisti*** u ***taġixxi***, kif applikabbli, f'isem minorenni mhux akkumpanjat fil-proċess ta' ritorn. Għandu jiġi żgurat li r-rappreżentant maħtur ikun imħarreġ kif xieraq f'komunikazzjoni adattata għat-tfal u adatta għall-età ***u l-ġeneru*** u li jkun jitkellem lingwa li l-minorenni jifhem. ***Jenħtieġ li tiġi pprovduta l-ħatra ta' rappreżentanti tal-istess sess fuq talba. Ir-rappreżentant għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2024/1348 u jkun*** il-persuna ddeżinjata biex taġixxi bħala rappreżentant skont id-Direttiva (UE) 2024/1346 meta l-persuna tkun ġiet iddeżinjata f'konformità mal-Artikolu 27 ta' dik id-Direttiva.

Or. en

Emenda 1294
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Rappreżentant jew persuna mħarrġa biex tissalvagwardja l-aħjar interessi tat-tfal għandhom jinħatru biex jirrappreżentaw, jassistu u jaġixxu, kif	2. Rappreżentant jew persuna mħarrġa biex tissalvagwardja l-aħjar interessi tat-tfal għandhom jinħatru biex jirrappreżentaw, jassistu u jaġixxu, kif

applikabbli, f'isem minorenni mhux akkumpanjat fil-proċess ta' ritorn. Għandu jiġi żgurat li r-rappreżentant maħtur ikun imħarreġ kif xieraq f'komunikazzjoni adattata għat-tfal u adatta għall-età ***u li jkun*** jitkellem lingwa li l-minorenni jifhem. Dik il-persuna għandha tkun il-persuna ddeżinjata biex taġixxi bħala rappreżentant skont id-Direttiva (UE) 2024/1346 meta l-persuna tkun ġiet iddeżinjata f'konformità mal-Artikolu 27 ta' dik id-Direttiva.

applikabbli, f'isem minorenni mhux akkumpanjat fil-proċess ta' ritorn. Għandu jiġi żgurat li r-rappreżentant maħtur ikun imħarreġ kif xieraq f'komunikazzjoni adattata għat-tfal u adatta għall-età***. Jekk ir-rappreżentant assenjat ma jkunx*** jitkellem lingwa li l-minorenni jifhem***, il-komunikazzjoni tista' tiġi pprovduta bl-użu ta' interpretu jew tal-intelliġenza artifiċjali***. Dik il-persuna għandha tkun il-persuna ddeżinjata biex taġixxi bħala rappreżentant skont id-Direttiva (UE) 2024/1346 meta l-persuna tkun ġiet iddeżinjata f'konformità mal-Artikolu 27 ta' dik id-Direttiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jidher mhux prattiku li jiġi propost li l-Istati Membri jkollhom jaħtru speċjalista li jitkellem l-istess lingwa bħall-minorenni. Dan iżid flessibbiltà xierqa lill-Istati Membri biex xorta jipprovdu dan is-servizz, iżda bl-għajnuna ta' interpretu jew tal-IA.

Emenda 1295
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Rappreżentant jew persuna ***mħarrġa*** biex tissalvagwardja l-aħjar interessi tat-tfal għandhom jinħatru biex jirrappreżentaw, jassistu u jaġixxu, kif applikabbli, f'isem minorenni mhux akkumpanjat fil-proċess ta' ritorn. Għandu jiġi żgurat li r-rappreżentant maħtur ikun imħarreġ kif xieraq f'komunikazzjoni adattata għat-tfal u adatta għall-età u li jkun ***jitkellem lingwa*** li l-minorenni jifhem. Dik il-persuna ***għandha*** tkun il-persuna ddeżinjata biex taġixxi bħala rappreżentant skont id-Direttiva (UE) 2024/1346 meta l-persuna tkun ġiet iddeżinjata f'konformità mal-Artikolu 27 ta' dik id-Direttiva.	2. Rappreżentant jew persuna ***ddeżinjata*** biex tissalvagwardja l-aħjar interessi tat-tfal għandhom jinħatru biex jirrappreżentaw, jassistu u jaġixxu, kif applikabbli, f'isem minorenni mhux akkumpanjat fil-proċess ta' ritorn. Għandu jiġi żgurat li r-rappreżentant maħtur ikun imħarreġ kif xieraq f'komunikazzjoni adattata għat-tfal u adatta għall-età u li jkun ***jista' jikkomunika f'lingwa*** li l-minorenni jifhem. Dik il-persuna ***tista'*** tkun il-persuna ddeżinjata biex taġixxi bħala rappreżentant skont id-Direttiva (UE) 2024/1346 meta l-persuna tkun ġiet iddeżinjata f'konformità mal-Artikolu 27 ta' dik id-Direttiva. ***Il-***

komunikazzjoni tista' tiġi pprovduta bl-użu ta' servizzi ta' interpretazzjoni.

Or. en

Emenda 1296
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Rappreżentant jew persuna mħarrġa biex tissalvagwardja l-aħjar interessi tat-tfal għandhom jinħatru biex jirrappreżentaw, jassistu u jagħixxu, kif applikabbli, f'isem minorenni mhux akkumpanjat fil-proċess ta' ritorn. Għandu jiġi żgurat li r-rappreżentant maħtur ikun imħarreġ kif xieraq f'komunikazzjoni adattata għat-tfal u adatta għall-età u li jkun jitkellem lingwa li l-minorenni jifhem. Dik il-persuna għandha tkun il-persuna ddeżinjata biex taġixxi bħala rappreżentant skont id-Direttiva (UE) 2024/1346 meta l-persuna tkun ġiet iddeżinjata f'konformità mal-Artikolu 27 ta' dik id-Direttiva.	2. Rappreżentant jew persuna mħarrġa biex tissalvagwardja l-aħjar interessi tat-tfal għandhom jinħatru biex jirrappreżentaw, jassistu u jagħixxu, kif applikabbli, f'isem minorenni mhux akkumpanjat fil-proċess ta' ritorn. Għandu jiġi żgurat li r-rappreżentant maħtur ikun ***indipendenti,*** imħarreġ kif xieraq f'komunikazzjoni adattata għat-tfal u adatta għall-età u li jkun jitkellem lingwa li l-minorenni jifhem. Dik il-persuna għandha tkun il-persuna ddeżinjata biex taġixxi bħala rappreżentant skont id-Direttiva (UE) 2024/1346 meta l-persuna tkun ġiet iddeżinjata f'konformità mal-Artikolu 27 ta' dik id-Direttiva.

Or. en

Emenda 1297
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Rappreżentant ***jew persuna mħarrġa biex tissalvagwardja l-aħjar interessi tat-tfal għandhom jinħatru*** biex ***jirrappreżentaw***, ***jassistu u jagħixxu***, kif	2. Rappreżentant ***għandu jinħatar*** biex ***jirrappreżenta***, ***jassisti jew jagħixxi***, kif applikabbli, f'isem ***tfal*** mhux akkumpanjat fil-proċess ta' ritorn. Għandu jiġi żgurat li

applikabbli, f'isem ***minorenni*** mhux akkumpanjat fil-proċess ta' ritorn. Għandu jiġi żgurat li r-rappreżentant maħtur ikun imħarreġ kif xieraq f'komunikazzjoni adattata għat-tfal u adatta għall-età u li jkun jitkellem lingwa li ***l-minorenni jifhem***. ***Dik il-persuna għandha tkun il-persuna*** ddeżinjata biex taġixxi bħala rappreżentant skont id-Direttiva (UE) 2024/1346 meta l-persuna tkun ġiet iddeżinjata f'konformità mal-Artikolu 27 ta' dik id-Direttiva.

r-rappreżentant maħtur ikun imħarreġ kif xieraq f'komunikazzjoni adattata għat-tfal u adatta għall-età u li jkun jitkellem lingwa li ***t-tfal jifhmu***. ***Meta applikabbli, l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw li r-rappreżentant ikun l-istess persuna*** ddeżinjata biex taġixxi bħala rappreżentant skont id-Direttiva (UE) 2024/1346 meta l-persuna tkun ġiet iddeżinjata f'konformità mal-Artikolu 27 ta' dik id-Direttiva.

Or. en

Emenda 1298
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Rappreżentant ***jew persuna mħarrġa*** biex ***tissalvagwardja*** l-aħjar interessi tat-tfal ***għandhom jinħatru*** biex ***jirrappreżentaw***, ***jassistu*** u ***jaġixxu***, kif applikabbli, f'isem minorenni mhux akkumpanjat fil-proċess ta' ritorn. Għandu jiġi żgurat li r-rappreżentant maħtur ikun imħarreġ kif xieraq f'komunikazzjoni adattata għat-tfal u adatta għall-età u li jkun jitkellem lingwa li l-minorenni jifhem. Dik il-persuna għandha tkun il-persuna ddeżinjata biex taġixxi bħala rappreżentant skont id-Direttiva (UE) 2024/1346 meta l-persuna tkun ġiet iddeżinjata f'konformità mal-Artikolu 27 ta' dik id-Direttiva.	2. ***Għandu jinħatar*** rappreżentant biex ***jissalvagwardja*** l-aħjar interessi ***u l-benesseri ġenerali*** tat-tfal biex ***jirrappreżenta***, ***jassisti*** u ***jaġixxi***, kif applikabbli, f'isem minorenni mhux akkumpanjat fil-proċess ta' ritorn. Għandu jiġi żgurat li r-rappreżentant maħtur ikun imħarreġ kif xieraq f'komunikazzjoni adattata għat-tfal u adatta għall-età u li jkun jitkellem lingwa li l-minorenni jifhem. Dik il-persuna għandha tkun il-persuna ddeżinjata biex taġixxi bħala rappreżentant skont id-Direttiva (UE) 2024/1346 meta l-persuna tkun ġiet iddeżinjata f'konformità mal-Artikolu 27 ta' dik id-Direttiva.

Or. en

Emenda 1299
Estrella Galán

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull persuna fiżika rappreżentant ikun responsabbli għal mhux aktar minn 10 minorenni mhux akkumpanjati biex jiggarantixxi t-twettiq effettiv tal-kompiti tagħhom. L-imġiba xierqa tar-rappreżentanti għandha tiġi sorveljata regolarment mill-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji kompetenti jew minn entitajiet oħra nominati. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri ta' lment ċari, aċċessibbli, b'mod li jqisu s-sitwazzjoni tat-tfal u sensittivi għall-ġeneru għal minorenni mhux akkumpanjati fir-rigward tar-rappreżentanti tagħhom. Il-minorenni mhux akkumpanjati għandhom jiġu infurmati immedjatament, b'mod adattat, sikur u kunfidenzjali, dwar kif jippreżentaw ilment. Għandhom jiġu żviluppati linji gwida dwar il-funzjonament tal-mekkaniżmu tal-ilmenti f'kooperazzjoni ma' esperti tal-protezzjoni tat-tfal u ppreżentati lit-tfal f'forma li tinftiehem faċilment.

Or. en

Emenda 1300
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-minorenni mhux akkumpanjat għandu jinstema', direttament jew permezz tar-rappreżentant jew tal-persuna mħarrġa msemmija fil-paragrafu 2, inkluż fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal. Qabel ma ***jneħħu*** minorenni mhux akkumpanjat mit-	3. Il-minorenni mhux akkumpanjat għandu jinstema', direttament jew permezz tar-rappreżentant jew tal-persuna mħarrġa ***li għandha taġixxi proviżorjament bħala tali*** msemmija fil-paragrafu 2, inkluż fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal ***imsemmija fl-Artikolu 18***.

territorju ta' Stat Membru, l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru għandhom ***ikunu sodisfatti*** li se jiġi ritornat lil membru tal-familja tiegħu***, tutur innominat jew faċilitajiet*** ta' akkoljenza adegwati fil-pajjiż ta' ***ritorn***.	Qabel ma ***jiġi ripatrijat*** minorenni mhux akkumpanjat mit-territorju ta' Stat Membru, l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru għandhom ***jiżguraw, abbażi ta' valutazzjoni individwali u dokumentata, li r-ripatrijazzjoni tkun fl-aħjar interessi tal-minorenni u titwettaq taħt kundizzjonijiet sikuri u*** li se jiġi ritornat lil membru tal-familja tiegħu ***b'rabta familjari protettiva u fejn il-membru tal-familja tiegħu jkun qed jgħix legalment u fejn il-minorenni se jgħix legalment ukoll b'faċilitajiet*** ta' akkoljenza adegwati fil-pajjiż ta' ***oriġini jew residenza li jikkonformaw mal-istandards tad-Direttiva (UE) 2024/1346***.

Or. en

Emenda 1301
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-minorenni ***mhux akkumpanjat*** għandu jinstema', direttament jew permezz tar-rappreżentant jew tal-persuna mħarrġa msemmija fil-paragrafu 2, inkluż fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal. ***Qabel ma jneħħu minorenni mhux akkumpanjat mit-territorju ta' Stat Membru, l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru għandhom ikunu sodisfatti li se jiġi ritornat lil membru tal-familja tiegħu, tutur innominat jew faċilitajiet ta' akkoljenza adegwati fil-pajjiż ta' ritorn.***	3. Il-minorenni għandu jinstema', direttament jew permezz tar-rappreżentant jew tal-persuna mħarrġa msemmija fil-paragrafu 2, inkluż fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal.

Or. en

Emenda 1302
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-minorenni mhux akkumpanjat għandu jinstema', direttament jew permezz tar-rappreżentant ***jew tal-persuna mħarrġa msemmija*** fil-paragrafu 2, inkluż fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal. ***Qabel ma jneħħu*** minorenni mhux ***akkumpanjat mit-territorju ta' Stat Membru, l-awtoritajiet ta' dak*** l-Istat Membru ***għandhom ikunu sodisfatti li se jiġi ritornat lil membru tal-familja tiegħu, tutur innominat jew faċilitajiet ta' akkoljenza*** adegwati ***fil-pajjiż ta' ritorn***.	3. ***Qabel ma l-awtoritajiet tar-ritorn jiddeċiedu dwar jekk joħorġux deċiżjoni ta' ritorn,*** il-minorenni mhux akkumpanjat għandu jinstema', direttament jew permezz tar-rappreżentant ***imsemmi*** fil-paragrafu 2, inkluż fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal. ***Għal*** minorenni mhux ***akkumpanjati, ritorn jista' jitqies biss fir-rigward tal-pajjiż ta' oriġini jew pajjiż terz fejn il-minorenni jkollu rabta familjari protettiva u fejn il-qraba tal-familja jkunu qed jgħixu legalment.*** L-Istat Membru ***għandu jivvaluta jekk hemmx fatturi protettivi sostenibbli u xierqa relatati mar-rabta familjari, kif ukoll arranġamenti*** adegwati ***ta' akkoljenza u kura***.

Or. en

Emenda 1303
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-minorenni mhux akkumpanjat għandu jinstema', direttament jew permezz tar-rappreżentant jew tal-persuna mħarrġa msemmija fil-paragrafu 2, inkluż fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal. Qabel ma jneħħu minorenni mhux akkumpanjat mit-territorju ta' Stat Membru, l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru għandhom ikunu sodisfatti li se jiġi ritornat lil membru tal-familja tiegħu, tutur innominat ***jew*** faċilitajiet ta' akkoljenza adegwati fil-pajjiż ta' ritorn.	3. Il-minorenni mhux akkumpanjat għandu jinstema', direttament jew permezz tar-rappreżentant jew tal-persuna mħarrġa msemmija fil-paragrafu 2, inkluż fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal. Qabel ma jneħħu minorenni mhux akkumpanjat mit-territorju ta' Stat Membru, l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru għandhom ikunu sodisfatti li se jiġi ritornat lil membru tal-familja tiegħu, tutur innominat***,*** faċilitajiet ta' akkoljenza adegwati fil-pajjiż ta' ritorn ***jew fil-pajjiż terz li miegħu jkun hemm***

ftehim jew arranġament.

Or. en

Emenda 1304
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-minorenni mhux akkumpanjat għandu jinstema’***, direttament jew permezz tar-rappreżentant jew tal-persuna mħarrġa msemmija fil-paragrafu 2***, inkluż fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal. Qabel ma jneħħu minorenni mhux akkumpanjat mit-territorju ta’ Stat Membru, l-awtoritajiet ta’ dak l-Istat Membru għandhom ikunu sodisfatti li se jiġi ritornat lil membru tal-familja tiegħu, tutur innominat jew faċilitajiet ta’ akkoljenza adegwati fil-pajjiż ta’ ritorn.	3. Il-minorenni mhux akkumpanjat għandu jinstema’, inkluż fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal. Qabel ma jneħħu minorenni mhux akkumpanjat mit-territorju ta’ Stat Membru, l-awtoritajiet ta’ dak l-Istat Membru għandhom ikunu sodisfatti li se jiġi ritornat lil membru tal-familja tiegħu, tutur innominat jew faċilitajiet ta’ akkoljenza adegwati fil-pajjiż ta’ ritorn.

Or. en

Emenda 1305
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-minorenni mhux akkumpanjat għandu jinstema’, direttament jew permezz tar-rappreżentant jew tal-persuna ***mħarrġa*** msemmija fil-paragrafu 2, inkluż fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal. ***Qabel ma jneħħu*** minorenni mhux akkumpanjat mit-territorju ta’ Stat Membru, l-awtoritajiet ta’	3. Il-minorenni mhux akkumpanjat għandu jinstema’, direttament jew permezz tar-rappreżentant jew tal-persuna ***ddeżinjata*** msemmija fil-paragrafu 2, inkluż fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal. ***Mhux aktar tard minn meta*** minorenni mhux akkumpanjat ***jitneħħa*** mit-territorju ta’ Stat Membru, l-

dak l-Istat Membru għandhom ikunu sodisfatti li se jiġi ritornat lil membru tal-familja tiegħu, tutur innominat jew faċilitajiet ta' akkoljenza adegwati fil-pajjiż ta' ritorn.	awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru għandhom ikunu sodisfatti li se jiġi ritornat lil membru tal-familja tiegħu, tutur innominat jew faċilitajiet ta' akkoljenza adegwati fil-pajjiż ta' ritorn.

Or. en

Emenda 1306
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-minorenni mhux akkumpanjat għandu jinstema', direttament jew permezz tar-rappreżentant jew tal-persuna mħarrġa msemmija fil-paragrafu 2, inkluż fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal. Qabel ma jneħħu minorenni mhux akkumpanjat mit-territorju ta' Stat Membru, l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru għandhom ikunu sodisfatti li se jiġi ritornat lil membru tal-familja tiegħu, tutur innominat jew faċilitajiet ta' akkoljenza adegwati fil-pajjiż ta' ritorn.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 1307
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-korpi kompetenti, għajr l-awtoritajiet responsabbli għall-infurzar tad-deċiżjoni ta' ripatrijazzjoni, għandhom jipprovdu assistenza lill-

minorenni, filwaqt li jqisu kif xieraq l-aħjar interessi tat-tfal. L-arranġamenti ta' akkoljenza u kura jenħtieġ li jinkludu wkoll il-wasla tat-tfal, aċċess immedjat għal akkomodazzjoni xierqa, appoġġ għall-bżonnijiet bażiċi, aċċess għall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa, u pjan individwali għar-riintegrazzjoni sostenibbli tat-tfal.

Or. en

Emenda 1308
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Qabel ma joħorġu deċiżjoni ta' ritorn lil minorenni mhux akkumpanjat, l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru għandhom ikunu sodisfatti li ma jkun hemm l-ebda membru tal-familja legalment preżenti fl-UE li jista' b'mod fattibbli jieħu l-minorenni fil-kura tiegħu, u, fejn ir-ritorn ikun fl-aħjar interess tal-minorenni, li se jintbagħat lura għand membru tal-ewwel jew tat-tieni grad tal-familja tiegħu, jew għand tutur legali nominat fil-pajjiż ta' ritorn.

Or. en

Emenda 1309
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Jekk Stat Membru jiddetermina li huwa fl-aħjar interessi tal-minorenni

mhux akkumpanjat jew separat li għandu jiġi rritornat, għandu jitħejja pjan individwali, flimkien mal-minorenni mhux akkumpanjat, meta jkun possibbli, għar-ritorn u r-riintegrazzjoni durabbli tiegħu jew tagħha.

Or. en

Emenda 1310
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3c. L-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ speċifiku għar-riintegrazzjoni sostenibbli tat-tfal, u jimmonitorjaw is-sitwazzjoni u l-progress tar-riintegrazzjoni tat-tfal u l-familji wara r-ritorn tagħhom, għal mill-inqas 6 xhur, u, meta jkun possibbli, għal 12-il xahar.

Or. en

Emenda 1311
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Kapitolu III – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
III ***OBBLIGI*** TAĊ-ĊITTADIN TA' PAJJIŻI TERZ	III ***RESPONSABBILITAJIET TAL-ISTAT MEMBRU U*** TAĊ-ĊITTADIN TA' PAJJIŻ TERZ

Or. en

Emenda 1312
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Obbligu ta' kooperazzjoni	***Kooperazzjoni bejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u Stati Membri***

Or. en

Emenda 1313
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Obbligu ta' kooperazzjoni	***Kooperazzjoni***

Or. en

Emenda 1314
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u jwettqu l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, inkluż billi jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa fi żmien xieraq, jipprovdu aċċess f'waqtu u mingħajr restrizzjonijiet għal assistenza legali u lingwistika, jiżguraw li kwalunkwe skadenza u obbligi oħra imposti jkunu raġonevoli u mhux diskriminatorji, u billi jqisu ċ-ċirkostanzi individwali fir-rigward ta' kwalunkwe

deċiżjoni meħuda.

Or. en

Emenda 1315
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jkollhom l-obbligu li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri ta' ritorn u riammissjoni u jikkonformaw mal-obbligu li jitilqu mit-territorju tal-Istati Membri.*** Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ***għandhom*** jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar kwalunkwe bidla rilevanti fis-sitwazzjoni individwali tagħhom li tkun rilevanti għall-fini tal-Artikolu 5***, mingħajr dewmien żejjed***.	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ***jistgħu*** jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar kwalunkwe bidla rilevanti fis-sitwazzjoni individwali tagħhom li tkun rilevanti għall-fini tal-Artikolu 5.

Or. en

Emenda 1316
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jkollhom l-obbligu li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri ta' ritorn u riammissjoni u jikkonformaw mal-obbligu li jitilqu mit-territorju tal-Istati Membri. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar kwalunkwe bidla rilevanti fis-sitwazzjoni individwali	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jkollhom l-obbligu li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri ta' ritorn u riammissjoni u jikkonformaw mal-obbligu li jitilqu mit-territorju tal-Istati Membri. ***Mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Istati Membri li jivvalutaw b'mod proattiv ir-riskju ta' non-refoulement,*** iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jipprovdu lill-

tagħhom ***li tkun*** rilevanti għall-fini tal-Artikolu 5, mingħajr dewmien żejjed.

awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar kwalunkwe bidla rilevanti fis-sitwazzjoni individwali tagħhom***, inklużi dawk*** rilevanti għall-fini tal-Artikolu 5, mingħajr dewmien żejjed. ***Kwalunkwe obbligu impost fuq minorenni għandu jqis u jkun proporzjonat għall-età u l-maturità tagħhom.***

Or. en

Emenda 1317
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jkollhom l-obbligu li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri ta' ritorn u riammissjoni u jikkonformaw mal-obbligu li jitilqu mit-territorju tal-Istati Membri. ***Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar kwalunkwe bidla rilevanti fis-sitwazzjoni individwali tagħhom li tkun rilevanti għall-fini tal-Artikolu 5, mingħajr dewmien żejjed.***	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jkollhom l-obbligu li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri ta' ritorn u riammissjoni u jikkonformaw mal-obbligu li jitilqu mit-territorju tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 1318
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jkollhom l-obbligu li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ***għandhom jikkonformaw mal-obbligu li jitilqu mit-territorju tal-Istati Membri u***

fl-istadji kollha tal-proċeduri ta' ritorn u riammissjoni u jikkonformaw mal-obbligu li jitilqu mit-territorju tal-Istati Membri. ***Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar kwalunkwe bidla rilevanti fis-sitwazzjoni individwali tagħhom li tkun rilevanti għall-fini tal-Artikolu 5, mingħajr dewmien żejjed.***	għandu jkollhom l-obbligu li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ***meta jkunu soġġetti għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 1319
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jkollhom l-obbligu li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri ta' ritorn u riammissjoni u*** jikkonformaw mal-obbligu li jitilqu mit-territorju tal-Istati Membri. ***Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi*** għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar kwalunkwe bidla rilevanti fis-sitwazzjoni individwali tagħhom li tkun rilevanti għall-fini ***tal-Artikolu 5,*** mingħajr dewmien żejjed.	1. ***Il-persuni ripatrijati għandhom*** jikkonformaw mal-obbligu li jitilqu mit-territorju tal-Istati Membri. ***Il-persuni ripatrijati*** għandhom ***ukoll*** jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar kwalunkwe bidla rilevanti fis-sitwazzjoni individwali tagħhom li tkun rilevanti għall-fini ***tar-ritorn*** mingħajr dewmien żejjed.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dawn l-obbligi huma spjegati fid-dettall fil-paragrafi 2 u 3. L-ewwel paragrafu ma għandu l-ebda valur miżjud. Ir-riammissjoni hija parti mir-ritorn. L-Artikolu 5 huwa l-klawżola orizzontali dwar id-drittijiet fundamentali.

Emenda 1320
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jkollhom l-obbligu li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri ta' ritorn u riammissjoni u jikkonformaw mal-obbligu li jitilqu mit-territorju tal-Istati Membri. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar kwalunkwe bidla rilevanti fis-sitwazzjoni individwali tagħhom li tkun rilevanti għall-fini tal-Artikolu 5, mingħajr dewmien żejjed.	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jkollhom l-obbligu li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri ta' ritorn u riammissjoni u jikkonformaw mal-obbligu li jitilqu mit-territorju tal-Istati Membri ***taħt il-penali li jiġu soġġetti għal sanzjonijiet, f'konformità mal-Artikolu 22***. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar kwalunkwe bidla rilevanti fis-sitwazzjoni individwali tagħhom li tkun rilevanti għall-fini tal-Artikolu 5, mingħajr dewmien żejjed.

Or. fr

Emenda 1321
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jkollhom l-obbligu li jikkooperaw ***mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri*** fl-istadji kollha tal-proċeduri ta' ritorn u riammissjoni u jikkonformaw mal-obbligu li jitilqu mit-territorju tal-Istati Membri. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar kwalunkwe bidla rilevanti fis-sitwazzjoni individwali tagħhom ***li tkun rilevanti għall-fini tal-Artikolu 5,*** mingħajr dewmien ***żejjed***.	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jkollhom l-obbligu li jikkooperaw fl-istadji kollha tal-proċeduri ta' ritorn u riammissjoni u jikkonformaw mal-obbligu li jitilqu mit-territorju tal-Istati Membri ***mingħajr dewmien żejjed***. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar kwalunkwe bidla rilevanti fis-sitwazzjoni individwali tagħhom mingħajr dewmien.

Or. en

Emenda 1322
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jkollhom l-obbligu li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri ta' ritorn u riammissjoni u jikkonformaw mal-obbligu li jitilqu mit-territorju tal-Istati Membri. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar kwalunkwe bidla rilevanti fis-sitwazzjoni individwali tagħhom ***li tkun rilevanti għall-fini tal-Artikolu 5***, mingħajr dewmien żejjed.	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jkollhom l-obbligu li jikkooperaw ***bis-sħiħ*** mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri ta' ritorn u riammissjoni u jikkonformaw mal-obbligu li jitilqu mit-territorju tal-Istati Membri. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar kwalunkwe bidla rilevanti fis-sitwazzjoni individwali tagħhom, mingħajr dewmien żejjed.

Or. en

Emenda 1323
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom:	2. ***Mingħajr preġudizzju għall-obbligu li jħallu t-territorju tal-Istati Membri,*** iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom:

Or. en

Emenda 1324
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom:	2. ***Mingħajr preġudizzju għall-obbligu li jħallu t-territorju tal-Istati Membri,*** iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom:

Or. en

Emenda 1325
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi*** għandhom:	2. ***Il-persuni ripatrijati għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru u*** għandhom:

Or. en

Emenda 1326
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt a

a. isimhom, id-data u l-post tat-twelid, il-ġeneru u n-nazzjonalità jew in-nazzjonalitajiet tagħhom jew il-fatt li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwa apolidu;	
b. il-membri tal-familja tagħhom u dettalji personali oħra taċ-ċittadin ta' pajjiż terz,	

jekk ikun rilevanti, għat-twettiq tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni jew għad-determinazzjoni tal-pajjiż ta' ritorn;

c. it-tip, l-għadd, il-perjodu ta' validità u l-pajjiż emittenti ta' kwalunkwe dokument tal-identità jew tal-ivvjaġġar taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u dokumenti oħra pprovduti minnhom li l-awtorità kompetenti tqis rilevanti għall-finijiet tal-identifikazzjoni tagħhom, għat-twettiq tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni u għad-determinazzjoni tal-pajjiż ta' ritorn;

d. kwalunkwe permess ta' residenza jew awtorizzazzjoni oħra li toffri liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi dritt ta' soġġorn maħruġ minn Stat Membru ieħor jew minn pajjiż terz;

e. kwalunkwe deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor;

f. pajjiż jew pajjiżi u post jew postijiet ta' residenza preċedenti, rotot tal-ivvjaġġar u dokumentazzjoni tal-ivvjaġġar.

Or. en

Emenda 1407
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-informazzjoni u d-dokumentazzjoni fiżika jew, meta ma jkunux disponibbli, kopji tagħhom, imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b), għandhom jinkludu b'mod partikolari d-dikjarazzjonijiet taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u kwalunkwe dokumentazzjoni li jkollhom rigward:	***imħassar***
a. isimhom, id-data u l-post tat-twelid, il-ġeneru u n-nazzjonalità jew in-nazzjonalitajiet tagħhom jew il-fatt li ċ-	

ċittadin ta' pajjiż terz huwa apolidu;

b. il-membri tal-familja tagħhom u dettalji personali oħra taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, jekk ikun rilevanti, għat-twettiq tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni jew għad-determinazzjoni tal-pajjiż ta' ritorn;

c. it-tip, l-għadd, il-perjodu ta' validità u l-pajjiż emittenti ta' kwalunkwe dokument tal-identità jew tal-ivvjaġġar taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u dokumenti oħra pprovduti minnhom li l-awtorità kompetenti tqis rilevanti għall-finijiet tal-identifikazzjoni tagħhom, għat-twettiq tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni u għad-determinazzjoni tal-pajjiż ta' ritorn;

d. kwalunkwe permess ta' residenza jew awtorizzazzjoni oħra li toffri liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi dritt ta' soġġorn maħruġ minn Stat Membru ieħor jew minn pajjiż terz;

e. kwalunkwe deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor;

f. pajjiż jew pajjiżi u post jew postijiet ta' residenza preċedenti, rotot tal-ivvjaġġar u dokumentazzjoni tal-ivvjaġġar.

Or. en

Emenda 1408
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-informazzjoni u d-dokumentazzjoni fiżika jew, meta ma jkunux disponibbli, kopji tagħhom, imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b), għandhom jinkludu b'mod partikolari d-dikjarazzjonijiet taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u kwalunkwe dokumentazzjoni li	***imħassar***

jkollhom rigward:

a. isimhom, id-data u l-post tat-twelid, il-ġeneru u n-nazzjonalità jew in-nazzjonalitajiet tagħhom jew il-fatt li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwa apolidu;

b. il-membri tal-familja tagħhom u dettalji personali oħra taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, jekk ikun rilevanti, għat-twettiq tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni jew għad-determinazzjoni tal-pajjiż ta' ritorn;

c. it-tip, l-għadd, il-perjodu ta' validità u l-pajjiż emittenti ta' kwalunkwe dokument tal-identità jew tal-ivvjaġġar taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u dokumenti oħra pprovduti minnhom li l-awtorità kompetenti tqis rilevanti għall-finijiet tal-identifikazzjoni tagħhom, għat-twettiq tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni u għad-determinazzjoni tal-pajjiż ta' ritorn;

d. kwalunkwe permess ta' residenza jew awtorizzazzjoni oħra li toffri liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi dritt ta' soġġorn maħruġ minn Stat Membru ieħor jew minn pajjiż terz;

e. kwalunkwe deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor;

f. pajjiż jew pajjiżi u post jew postijiet ta' residenza preċedenti, rotot tal-ivvjaġġar u dokumentazzjoni tal-ivvjaġġar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex meħtieġ u lanqas proporzjonat li jintalab lil ċittadin ta' pajjiż terz jipprovdi storja tal-ivvjaġġar barra l-UE lill-awtoritajiet kompetenti. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 hija diġà biżżejjed biex tippermetti lill-Istati Membri jagħmlu determinazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini u/jew il-pajjiż ta' residenza preċedenti. L-obbligu fuq il-persuni ripatrijati li jipprovdu dokumentazzjoni huwa stabbilit fil-paragrafu 2(b). Peress li l-lista proposta mill-Kummissjoni fil-paragrafu 3 mhijiex eżawrjenti, ma għandha l-ebda valur u sservi biss biex tfixkel. Pereżempju, il-Kummissjoni titlob lill-persuna ripatrijata tipprovdi dikjarazzjonijiet dwar is-sitt paragrafi kollha - dan huwa ovvjament redikolu peress li l-awtoritajiet tar-ritorn iħejju dikjarazzjonijiet ibbażati fuq intervisti mal-persuna ripatrijata, mhux bil-kontra, u l-paragrafu 2(b) li jirreferi għalih il-paragrafu 3, huwa dwar id-dokumentazzjoni.

Emenda 1409
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-informazzjoni u d-dokumentazzjoni fiżika jew, meta ma jkunux disponibbli, kopji tagħhom, imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b), għandhom jinkludu b'mod partikolari d-dikjarazzjonijiet taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u kwalunkwe dokumentazzjoni li jkollhom rigward:	3. L-informazzjoni u d-dokumentazzjoni fiżika ***u elettronika*** jew, meta ma jkunux disponibbli, kopji tagħhom, imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b), għandhom jinkludu b'mod partikolari d-dikjarazzjonijiet taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u kwalunkwe dokumentazzjoni li jkollhom rigward:

Or. en

Emenda 1410
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-informazzjoni u d-dokumentazzjoni ***fiżika*** jew, meta ma jkunux disponibbli, kopji tagħhom, imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b), għandhom jinkludu b'mod partikolari d-dikjarazzjonijiet taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u kwalunkwe dokumentazzjoni li jkollhom rigward:	3. L-informazzjoni u d-dokumentazzjoni jew, meta ma jkunux disponibbli, kopji tagħhom, imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b) ***u (ba)***, għandhom jinkludu b'mod partikolari d-dikjarazzjonijiet taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u kwalunkwe dokumentazzjoni li jkollhom rigward:

Or. en

Emenda 1411
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. il-membri tal-familja tagħhom u dettalji personali oħra taċ-ċittadin ta' pajjiż terz***, jekk ikun rilevanti, għat-twettiq tal-proċedura*** ta' ritorn jew riammissjoni jew għad-determinazzjoni tal-pajjiż ta' ritorn;	b. il-membri tal-familja tagħhom u dettalji personali oħra taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***għall-fini li titwettaq il-proċedura*** ta' ritorn jew riammissjoni jew għad-determinazzjoni tal-pajjiż ta' ritorn;

Or. en

Emenda 1412
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. kwalunkwe deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor;	e. kwalunkwe deċiżjoni ta' ritorn***, deċiżjoni li tordna t-tneħħija, jew projbizzjoni fuq id-dħul*** maħruġa minn Stat Membru ieħor;

Or. en

Emenda 1413
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. kwalunkwe deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor;	e. kwalunkwe deċiżjoni ta' ritorn***, ordni ta' tneħħija, jew projbizzjoni fuq id-dħul*** maħruġa minn Stat Membru ieħor;

Or. en

Emenda 1414
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. kwalunkwe deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor;	e. kwalunkwe deċiżjoni ta' ritorn***, ordni ta' tneħħija jew projbizzjoni fuq id-dħul*** maħruġa minn Stat Membru ieħor;

Or. en

Emenda 1415
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
f. pajjiż jew pajjiżi u post jew postijiet ta' residenza preċedenti, rotot tal-ivvjaġġar u dokumentazzjoni tal-ivvjaġġar.	f. pajjiż jew pajjiżi u post jew postijiet ta' residenza preċedenti, rotot tal-ivvjaġġar***, tranżitu,*** u dokumentazzjoni tal-ivvjaġġar.

Or. en

Emenda 1416
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li jżommu kwalunkwe dokument meħtieġ għall-fini tat-tħejjija tar-ritorn kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (b), huma għandhom jiżguraw li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirċievi minnufih fotokopji jew, skont l-għażla tal-persuna, rekords elettroniċi tal-oriġinali. Fil-kuntest tar-ritorn skont l-Artikolu 13, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ***jew*** jagħtu lura tali	4. Meta l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li jżommu kwalunkwe dokument meħtieġ għall-fini tat-tħejjija tar-ritorn kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (b), huma għandhom jiżguraw li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirċievi minnufih fotokopji jew, skont l-għażla tal-persuna, rekords elettroniċi tal-oriġinali. Fil-kuntest tar-ritorn skont l-Artikolu 13, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu lura tali

dokumenti liċ-ċittadin ta’ pajjiż terz fil-ħin tat-tluq ***jew mal-wasla fil-pajjiż terz***.	dokumenti liċ-ċittadin ta’ pajjiż terz fil-ħin tat-tluq.

Or. en

Emenda 1417
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li jżommu kwalunkwe dokument meħtieġ għall-fini ***tat-tħejjija tar-ritorn*** kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (b), huma għandhom jiżguraw li ċ-ċittadin ta’ pajjiż terz jirċievi ***minnufih*** fotokopji ***jew, skont l-għażla tal-persuna***, rekords elettroniċi tal-oriġinali. ***Fil-kuntest tar-ritorn skont l-Artikolu 13***, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jew jagħtu lura tali dokumenti liċ-ċittadin ta’ pajjiż terz fil-ħin tat-tluq jew mal-wasla fil-pajjiż terz.	4. Meta l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li jżommu kwalunkwe dokument meħtieġ għall-fini ***ta’ ritorn*** kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (b), huma għandhom jiżguraw li ċ-ċittadin ta’ pajjiż terz jirċievi fotokopji, rekords elettroniċi tal-oriġinali***, jew konferma tad-dokument miżmum***. ***F’każ ta’ ritorn volontarju***, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jew jagħtu lura tali dokumenti liċ-ċittadin ta’ pajjiż terz fil-ħin tat-tluq jew mal-wasla fil-pajjiż terz.

Or. en

Emenda 1418
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li jżommu kwalunkwe dokument meħtieġ għall-fini tat-tħejjija tar-ritorn kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (b), huma għandhom jiżguraw li ċ-ċittadin ta’ pajjiż terz jirċievi minnufih fotokopji jew***, skont l-għażla tal-persuna, rekords***	4. Meta l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li jżommu kwalunkwe dokument meħtieġ għall-fini tat-tħejjija tar-ritorn kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (b), huma għandhom jiżguraw li ċ-ċittadin ta’ pajjiż terz jirċievi minnufih fotokopji jew***, prova oħra xierqa tad-dokument***

elettroniċi tal-oriġinali. Fil-kuntest tar-ritorn skont l-Artikolu 13, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jew jagħtu lura tali dokumenti liċ-ċittadin ta' pajjiż terz fil-ħin tat-tluq jew mal-wasla fil-pajjiż terz.

miżmum. Fil-kuntest tar-ritorn skont l-Artikolu 13, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jew jagħtu lura tali dokumenti liċ-ċittadin ta' pajjiż terz fil-ħin tat-tluq jew mal-wasla fil-pajjiż terz.

Or. en

Emenda 1419
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta l-awtoritajiet kompetenti ***jiddeċiedu*** li jżommu kwalunkwe dokument meħtieġ għall-fini tat-tħejjija tar-ritorn kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (b), huma għandhom ***jiżguraw li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirċievi minnufih*** fotokopji jew***, skont l-għażla tal-persuna,*** rekords elettroniċi tal-oriġinali. Fil-kuntest tar-ritorn skont l-Artikolu 13, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jew jagħtu lura tali dokumenti liċ-ċittadin ta' pajjiż terz fil-ħin tat-tluq jew mal-wasla fil-pajjiż terz.	4. Meta l-awtoritajiet kompetenti ***jeħtieġu*** li jżommu kwalunkwe dokument meħtieġ għall-fini tat-tħejjija tar-ritorn kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (b), huma għandhom ***jagħmlu dan billi jagħmlu*** fotokopji jew rekords elettroniċi tal-oriġinali. Fil-kuntest tar-ritorn skont l-Artikolu 13 ***biss***, l-awtoritajiet kompetenti ***jistgħu jżommu d-dokumenti oriġinali u*** għandhom jew jagħtu lura tali dokumenti liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***jew*** fil-ħin tat-tluq jew mal-wasla fil-pajjiż terz.

Or. en

Emenda 1420
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu ***jaċċetta*** kwalunkwe komunikazzjoni ***mill-awtoritajiet kompetenti, kemm jekk bit-telefon, bil-posta elettronika jew bil-posta, bl-użu tal-aktar dettalji ta' kuntatt reċenti indikati minnu stess lill-awtoritajiet***	5. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu ***jkun jista' jintlaħaq bi*** kwalunkwe ***mezz ta'*** komunikazzjoni ***kif definit mill-Istat Membru*** f'konformità ***mad-dritt nazzjonali***. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ***fid-dritt*** nazzjonali l-mument

kompetenti f'konformità ***mal-paragrafu 2, il-punti (g) u (h)***. L-Istati Membri għandhom ***jew*** jistabbilixxu ***fid-dritti*** nazzjonali ***l-metodu ta' komunikazzjoni u*** l-mument li fih il-komunikazzjoni titqies riċevuta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz u notifikata lilu jew jagħmlu użu minn sistemi diġitali żviluppata u/jew appoġġata mill-Unjoni għall-fini ta' din il-komunikazzjoni.	li fih il-komunikazzjoni titqies riċevuta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz u notifikata lilu jew jagħmlu użu minn sistemi diġitali żviluppata u/jew appoġġata mill-Unjoni għall-fini ta' din il-komunikazzjoni.

Or. en

Emenda 1421
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu ***jaċċetta*** kwalunkwe komunikazzjoni ***mill-awtoritajiet kompetenti, kemm jekk bit-telefon, bil-posta elettronika jew bil-posta, bl-użu tal-aktar dettalji ta' kuntatt reċenti indikati minnu stess lill-awtoritajiet kompetenti*** f'konformità ***mal-paragrafu 2, il-punti (g) u (h)***. L-Istati Membri għandhom jew jistabbilixxu ***fid-dritti*** nazzjonali l-metodu ta' komunikazzjoni u l-mument li fih il-komunikazzjoni titqies riċevuta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz u notifikata lilu jew jagħmlu użu minn sistemi diġitali żviluppata u/jew appoġġata mill-Unjoni għall-fini ta' din il-komunikazzjoni.	5. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu ***jkun jista' jintlaħaq bi*** kwalunkwe ***mezz ta'*** komunikazzjoni ***kif definit mill-Istat Membru*** f'konformità ***mad-dritt nazzjonali***. L-Istati Membri għandhom jew jistabbilixxu ***fid-dritt*** nazzjonali l-metodu ta' komunikazzjoni u l-mument li fih il-komunikazzjoni titqies riċevuta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz u notifikata lilu jew jagħmlu użu minn sistemi diġitali żviluppati u/jew appoġġati ***mill-Istati Membri jew*** mill-Unjoni għall-fini ta' din il-komunikazzjoni.

Or. en

Emenda 1422
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jaċċetta kwalunkwe komunikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti***, kemm jekk bit-telefon, bil-posta elettronika jew bil-posta***, bl-użu tal-aktar dettalji ta' kuntatt reċenti indikati minnu stess lill-awtoritajiet kompetenti ***f'konformità mal-paragrafu 2, il-punti (g) u (h)***. L-Istati Membri għandhom jew jistabbilixxu ***fid-dritti*** nazzjonali l-metodu ta' komunikazzjoni u l-mument li fih il-komunikazzjoni titqies riċevuta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz u notifikata lilu jew jagħmlu użu minn sistemi diġitali żviluppata u/jew appoġġata mill-Unjoni għall-fini ta' din il-komunikazzjoni.	5. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jaċċetta kwalunkwe komunikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti, bl-użu tal-aktar dettalji ta' kuntatt reċenti indikati minnu stess lill-awtoritajiet kompetenti. L-Istati Membri għandhom jew jistabbilixxu ***fid-dritt*** nazzjonali l-metodu ta' komunikazzjoni u l-mument li fih il-komunikazzjoni titqies riċevuta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz u notifikata lilu jew jagħmlu użu minn sistemi diġitali żviluppata u/jew appoġġata mill-Unjoni għall-fini ta' din il-komunikazzjoni.

Or. en

Emenda 1423
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Iċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ***għandu jaċċetta kwalunkwe komunikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti, kemm jekk bit-telefon, bil-posta elettronika jew bil-posta, bl-użu tal-aktar dettalji ta' kuntatt reċenti indikati minnu stess lill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-paragrafu 2, il-punti (g) u (h). L-Istati Membri għandhom jew*** jistabbilixxu ***fid-dritti*** nazzjonali l-metodu ta' komunikazzjoni u l-mument li fih il-komunikazzjoni titqies riċevuta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz u notifikata lilu ***jew jagħmlu użu minn sistemi diġitali żviluppata u/jew appoġġata mill-Unjoni għall-fini ta' din il-komunikazzjoni***.	5. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-metodu ta' komunikazzjoni jkun adegwat, aċċessibbli, u li jinftiehem minn persuni li huma illitterati jew illitterati diġitalment. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali komunikazzjoni ssir f'lingwa li ċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ***jifhem u f'format aċċessibbli għal individwi b'litteriżmu jew ħiliet diġitali limitati u*** jistabbilixxu ***fid-dritt*** nazzjonali l-metodu ta' komunikazzjoni u l-mument li fih il-komunikazzjoni titqies riċevuta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz u notifikata lilu.

Or. en

Emenda 1424
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jaċċetta kwalunkwe komunikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti, kemm jekk bit-telefon, bil-posta elettronika jew bil-posta, bl-użu tal-aktar dettalji ta' kuntatt reċenti indikati minnu stess lill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-paragrafu 2, il-punti (g) u (h). L-Istati Membri għandhom jew jistabbilixxu ***fid-dritti*** nazzjonali l-metodu ta' komunikazzjoni u l-mument li fih il-komunikazzjoni titqies riċevuta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz u notifikata lilu jew jagħmlu użu minn sistemi diġitali żviluppata u/jew appoġġata mill-Unjoni għall-fini ta' din il-komunikazzjoni.	5. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu***, f'limiti raġonevoli,*** jaċċetta kwalunkwe komunikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti, kemm jekk bit-telefon, bil-posta elettronika jew bil-posta, bl-użu tal-aktar dettalji ta' kuntatt reċenti indikati minnu stess lill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-paragrafu 2, il-punti (g) u (h). L-Istati Membri għandhom jew jistabbilixxu ***fid-dritt*** nazzjonali l-metodu ta' komunikazzjoni u l-mument li fih il-komunikazzjoni titqies riċevuta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz u notifikata lilu jew jagħmlu użu minn sistemi diġitali żviluppata u/jew appoġġata mill-Unjoni għall-fini ta' din il-komunikazzjoni.

Or. en

Emenda 1425
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jaċċetta kwalunkwe komunikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti, kemm jekk bit-telefon, bil-posta elettronika jew bil-posta, bl-użu tal-aktar dettalji ta' kuntatt reċenti indikati minnu stess lill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-paragrafu 2,***	5. L-Istati Membri għandhom jew jistabbilixxu ***fid-dritt*** nazzjonali l-metodu ta' komunikazzjoni u l-mument li fih il-komunikazzjoni titqies riċevuta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz u notifikata lilu jew jagħmlu użu minn sistemi diġitali żviluppata u/jew appoġġata mill-Unjoni

il-punti (g) u (h). L-Istati Membri għandhom jew jistabbilixxu ***fid-dritti*** nazzjonali l-metodu ta' komunikazzjoni u l-mument li fih il-komunikazzjoni titqies riċevuta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz u notifikata lilu jew jagħmlu użu minn sistemi diġitali żviluppata u/jew appoġġata mill-Unjoni għall-fini ta' din il-komunikazzjoni.

għall-fini ta' din il-komunikazzjoni. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-persuna ripatrijata, f'lingwa li l-persuna ripatrijata tifhem jew li b'mod raġonevoli hija mistennija li tifhem, dwar il-metodu ta' komunikazzjoni li se jintuża fir-rigward tal-proċedura ta' ritorn.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex ir-rwol taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiddeterminaw kif Stat Membru jirregola n-notifika tad-deċiżjonijiet lilhom. Ma jistgħux jintalbu jaċċettaw mod ta' komunikazzjoni li ma jkunx ġie spjegat lilhom.

Emenda 1426
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu ***jaċċetta kwalunkwe*** komunikazzjoni ***mill-awtoritajiet kompetenti***, kemm jekk bit-telefon, bil-posta elettronika jew bil-posta, bl-użu tal-aktar dettalji ta' kuntatt reċenti indikati minnu stess lill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-paragrafu 2, il-punti (g) u (h). L-Istati Membri għandhom jew jistabbilixxu ***fid-dritti*** nazzjonali ***l-metodu*** ta' komunikazzjoni u l-mument li fih il-komunikazzjoni titqies riċevuta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz u notifikata lilu jew jagħmlu użu minn sistemi diġitali żviluppata u/jew appoġġata mill-Unjoni għall-fini ta' din il-komunikazzjoni.	5. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu ***jindika l-metodu ta'*** komunikazzjoni ***preferut tiegħu***, kemm jekk bit-telefon, bil-posta elettronika jew bil-posta, bl-użu tal-aktar dettalji ta' kuntatt reċenti indikati minnu stess lill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-paragrafu 2, il-punti (g) u (h). L-Istati Membri għandhom jew jistabbilixxu ***fid-dritt*** nazzjonali ***l-metodi*** ta' komunikazzjoni u l-mument li fih il-komunikazzjoni titqies riċevuta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz u notifikata lilu jew jagħmlu użu minn sistemi diġitali żviluppata u/jew appoġġata mill-Unjoni għall-fini ta' din il-komunikazzjoni.

Or. en

Emenda 1427
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi mfittex jew l-oġġetti personali tiegħu jistgħu jiġu mfittxija, fejn dan ikun meħtieġ u debitament ġustifikat għall-fini tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni u mingħajr ma tiġi affettwata kwalunkwe tfittxija mwettqa għal raġunijiet ta' sigurtà. Kwalunkwe tfittxija taċ-ċittadin ta' pajjiż terz skont dan ir-Regolament għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika u tkun soġġetta għas-salvagwardji u r-rimedji previsti fid-dritt nazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1428
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi mfittex jew l-oġġetti personali tiegħu jistgħu jiġu mfittxija, fejn dan ikun meħtieġ u debitament ġustifikat għall-fini tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni u mingħajr ma tiġi affettwata kwalunkwe tfittxija mwettqa għal raġunijiet ta' sigurtà. Kwalunkwe tfittxija taċ-ċittadin ta' pajjiż terz skont dan ir-Regolament għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika u tkun	***imħassar***

soġġetta għas-salvagwardji u r-rimedji previsti fid-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 1429
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi mfittex jew l-oġġetti personali tiegħu jistgħu jiġu mfittxija, fejn dan ikun meħtieġ ***u debitament ġustifikat*** għall-fini tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni u mingħajr ma tiġi affettwata kwalunkwe tfittxija mwettqa għal raġunijiet ta' sigurtà. ***Kwalunkwe tfittxija taċ-ċittadin ta' pajjiż terz skont dan ir-Regolament għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika u tkun soġġetta għas-salvagwardji u r-rimedji previsti fid-dritt nazzjonali.***	6. Ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi mfittex jew l-oġġetti personali tiegħu jistgħu jiġu mfittxija, fejn dan ikun meħtieġ għall-fini tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni u mingħajr ma tiġi affettwata kwalunkwe tfittxija mwettqa għal raġunijiet ta' sigurtà.

Or. en

Emenda 1430
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi mfittex jew l-oġġetti personali tiegħu jistgħu jiġu mfittxija, fejn dan ikun meħtieġ ***u debitament ġustifikat*** għall-fini tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni ***u***	6. Ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi mfittex jew l-oġġetti personali ***u l-apparati elettroniċi*** tiegħu jistgħu jiġu mfittxija, fejn dan ikun meħtieġ għall-fini tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni**,** għal raġunijiet

mingħajr ma tiġi affettwata kwalunkwe tfittxija mwettqa għal raġunijiet ta' sigurtà. ***Kwalunkwe tfittxija taċ-ċittadin ta' pajjiż terz skont dan ir-Regolament għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika u tkun soġġetta għas-salvagwardji u r-rimedji previsti fid-dritt nazzjonali.***

ta' sigurtà ***jew għal kwalunkwe raġuni ġustifikata oħra***.

Or. en

Emenda 1431
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi mfittex jew l-oġġetti personali tiegħu jistgħu jiġu mfittxija, fejn dan ikun meħtieġ u debitament ġustifikat għall-fini tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni u mingħajr ma tiġi affettwata kwalunkwe tfittxija mwettqa għal raġunijiet ta' sigurtà. Kwalunkwe tfittxija taċ-ċittadin ta' pajjiż terz skont dan ir-Regolament għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika u tkun soġġetta għas-salvagwardji u r-rimedji previsti fid-dritt nazzjonali.	6. ***Fejn ma tkunx saret tfittxija ekwivalenti f'konformità mal-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) 2024/1348,*** ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi mfittex jew l-oġġetti personali tiegħu jistgħu jiġu mfittxija, fejn dan ikun meħtieġ u debitament ġustifikat għall-fini tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni u mingħajr ma tiġi affettwata kwalunkwe tfittxija mwettqa għal raġunijiet ta' sigurtà. Kwalunkwe tfittxija taċ-ċittadin ta' pajjiż terz skont dan ir-Regolament għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika u tkun soġġetta għas-salvagwardji u r-rimedji previsti fid-dritt ***tal-Unjoni jew dak*** nazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma għandux jiġi mfittex darbtejn. L-obbligu li joħroġ id-deċiżjoni ta' ritorn flimkien ma' deċiżjoni negattiva dwar l-ażil diġà huwa tal-Istat Membru.

Emenda 1432
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi mfittex jew l-oġġetti personali tiegħu jistgħu jiġu mfittxija, fejn dan ikun meħtieġ u debitament ġustifikat għall-fini tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni ***u mingħajr ma tiġi affettwata kwalunkwe tfittxija mwettqa għal raġunijiet ta'*** sigurtà. Kwalunkwe tfittxija taċ-ċittadin ta' pajjiż terz skont dan ir-Regolament għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika u tkun soġġetta għas-salvagwardji u r-rimedji previsti fid-dritt nazzjonali.	6. Ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi mfittex jew l-oġġetti personali tiegħu jistgħu jiġu mfittxija***, inklużi apparati elettroniċi***, fejn dan ikun meħtieġ u debitament ġustifikat għall-fini tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni***, jew għall-fini ta' investigazzjonijiet ta'*** sigurtà ***jew ġudizzjarji***. Kwalunkwe tfittxija taċ-ċittadin ta' pajjiż terz skont dan ir-Regolament ***tista' titwettaq mingħajr il-kunsens taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat u*** għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika u tkun soġġetta għas-salvagwardji u r-rimedji previsti fid-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 1433
Abir Al-Sahlani, Irena Joveva, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi mfittex jew l-oġġetti personali tiegħu jistgħu jiġu mfittxija, fejn dan ikun meħtieġ u debitament ġustifikat għall-fini tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni u mingħajr ma tiġi affettwata kwalunkwe tfittxija mwettqa għal raġunijiet ta' sigurtà. Kwalunkwe tfittxija taċ-ċittadin ta' pajjiż	6. Ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi mfittex jew l-oġġetti personali tiegħu jistgħu jiġu mfittxija, fejn dan ikun meħtieġ u debitament ġustifikat għall-fini tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni u mingħajr ma tiġi affettwata kwalunkwe tfittxija mwettqa għal raġunijiet ta' sigurtà. Kwalunkwe tfittxija taċ-ċittadin ta' pajjiż

terz skont dan ir-Regolament għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika u tkun soġġetta għas-salvagwardji u r-rimedji previsti fid-dritt nazzjonali.

terz skont dan ir-Regolament għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika u tkun soġġetta għas-salvagwardji u r-rimedji previsti fid-dritt nazzjonali. ***Kwalunkwe tfittxija għandha tkun proporzjonata u debitament ġustifikata għall-fini tal-proċedura ta' ritorn.***

Or. en

Emenda 1434
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi mfittex jew l-oġġetti personali tiegħu jistgħu jiġu mfittxija***, fejn ***dan ikun*** meħtieġ u debitament ġustifikat għall-fini ***tal-proċedura*** ta' ritorn ***jew riammissjoni u mingħajr ma tiġi affettwata kwalunkwe tfittxija mwettqa għal raġunijiet ta' sigurtà. Kwalunkwe tfittxija taċ-ċittadin ta' pajjiż terz skont dan ir-Regolament għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika u tkun soġġetta għas-salvagwardji u r-rimedji previsti fid-dritt nazzjonali.***	6. ***Mingħajr preġudizzju għal miżuri investigattivi għal raġunijiet oħra f'konformità mad-dritt nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri***, fejn meħtieġ***, proporzjonat*** u debitament ġustifikat għall-fini ***tat-tħejjija jew l-iżgurar*** ta' ritorn ***effettiv, jistgħu:***

Or. en

Emenda 1435
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi mfittex jew l-oġġetti personali tiegħu jistgħu jiġu mfittxija, fejn dan ikun meħtieġ u debitament ġustifikat għall-fini tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni u mingħajr ma tiġi affettwata kwalunkwe tfittxija mwettqa għal raġunijiet ta' sigurtà. Kwalunkwe tfittxija taċ-ċittadin ta' pajjiż terz skont dan ir-Regolament għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika u tkun soġġetta għas-salvagwardji u r-rimedji previsti fid-dritt nazzjonali.	6. Ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi mfittex jew l-oġġetti personali tiegħu jistgħu jiġu mfittxija, ***inkluż dawk diġitali,*** fejn dan ikun meħtieġ u debitament ġustifikat għall-fini tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni u mingħajr ma tiġi affettwata kwalunkwe tfittxija mwettqa għal raġunijiet ta' sigurtà. Kwalunkwe tfittxija taċ-ċittadin ta' pajjiż terz skont dan ir-Regolament għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika u tkun soġġetta għas-salvagwardji u r-rimedji previsti fid-dritt nazzjonali.

Or. fr

Emenda 1436
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 6 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) ifittxu liċ-ċittadin ta' pajjiż terz u l-post ta' residenza tiegħu jew tagħha jew bini rilevanti ieħor;

Or. en

Emenda 1437
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 6 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) ifittxu u jissekwestraw oġġetti personali, apparati elettroniċi, u oġġetti oħra ta' rilevanza;

Or. en

Emenda 1438
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 6 – punt c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c) jimponu miżuri investigattivi oħra, fejn previst fid-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 1439
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 6 – punt d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(d) Kwalunkwe miżura investigattiva skont il-paragrafu 6, il-punti (a) sa (c), ta' dan l-Artikolu tista' titwettaq mingħajr il-kunsens taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

Or. en

Emenda 1440
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 6 – punt e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(e) Kwalunkwe miżura investigattiva imposta f'konformità mal-paragrafu 6, il-punti (a) sa (c), ta' dan l-Artikolu għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tkun soġġetta għas-

salvagwardji u r-rimedji previsti fid-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali.

Or. en

Emenda 1441
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jfittxu fl-apparati elettroniċi ta' ċittadin ta' pajjiż terz biex jiksbu informazzjoni li tistabbilixxi l-identità jew id-data tal-ivvjaġġar tagħhom, inkluż billi jeżaminaw id-data kollha maħżuna fuq l-apparat, bħal komunikazzjonijiet privati, ritratti, u l-metadata assoċjata magħhom.
	Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jiffaċilita t-tfittxija tal-apparati elettroniċi tiegħu, inkluż billi jipprovdi kwalunkwe kodiċi ta' aċċess jew password meħtieġa biex jinfetaħ l-apparat.

Or. en

Emenda 1442
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6b. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jżommu l-apparati elettroniċi msemmija fil-paragrafu 6a sakemm ikun meħtieġ biex titwettaq il-proċedura ta' ritorn u riammissjoni, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-mument tat-tneħħija mit-

territorju tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 1443
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 6c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6c. Meta apparat elettroniku jinżamm f'konformità mal-paragrafu 6a u jkun l-uniku apparat li jippermetti liċ-ċittadin ta' pajjiż terz jikkomunika mal-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu kull sforz raġonevoli biex jiksbu backup forensiku tal-apparat u jirritornawh liċ-ċittadin ta' pajjiż terz mill-aktar fis possibbli.

Or. en

Emenda 1444
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 6d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6d. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jfittxu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-post ta' residenza tagħhom fejn dan ikun meħtieġ u debitament ġustifikat għall-fini tar-ritorn u t-tneħħija taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 1445
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 6e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6e. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu miżuri investigattivi oħra fid-dritt nazzjonali fejn dan ikun meħtieġ, proporzjonat u debitament ġustifikat għall-fini tal-proċedura ta' tneħħija jew ta' riammissjoni.

Or. en

Emenda 1446
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 6f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6f. Għall-fini li tiġi vverifikata l-informazzjoni pprovduta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz f'konformità mal-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkonsultaw sorsi disponibbli pubblikament, inklużi l-media soċjali.

Or. en

Emenda 1447
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Artikolu 22	***imħassar***
Konsegwenzi f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni	
F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 21(2), il-punti (a) sa (k), l-Istati Membri għandhom jipprevedu l-possibbiltà li jiġu imposti, wara valutazzjoni individwali, miżuri effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq iċ-ċittadin ta' pajjiż terz, minn dawn li ġejjin:	
(1) ir-rifjut jew it-tnaqqis ta' ċerti benefiċċji u allowances mogħtija skont id-dritt tal-Istat Membru liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati sakemm dan ma jwassalx għall-inkapaċità tal-persuni li jipprovdu l-ħtiġijiet bażiċi tagħhom;	
(2) ir-rifjut jew it-tnaqqis ta' inċentivi mogħtija biex jiġi promoss ir-ritorn volontarju f'konformità mal-Artikolu 13 jew assistenza mnaqqsa fi programmi ta' ritorn u riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3);	
(3) is-sekwestru ta' dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar dment li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirċievi kopja;	
(4) ir-rifjut jew l-irtirar tal-permess tax-xogħol, skont id-dritt nazzjonali;	
(5) l-estensjoni tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mal-Artikolu 10(7);	
(6) il-penali finanzjarji.	

Or. en

Emenda 1448
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Artikolu 22	***imħassar***
Konsegwenzi f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni	
F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 21(2), il-punti (a) sa (k), l-Istati Membri għandhom jipprevedu l-possibbiltà li jiġu imposti, wara valutazzjoni individwali, miżuri effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq iċ-ċittadin ta' pajjiż terz, minn dawn li ġejjin:	
(1) ir-rifjut jew it-tnaqqis ta' ċerti benefiċċji u allowances mogħtija skont id-dritt tal-Istat Membru liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati sakemm dan ma jwassalx għall-inkapaċità tal-persuni li jipprovdu l-ħtiġijiet bażiċi tagħhom;	
(2) ir-rifjut jew it-tnaqqis ta' inċentivi mogħtija biex jiġi promoss ir-ritorn volontarju f'konformità mal-Artikolu 13 jew assistenza mnaqqsa fi programmi ta' ritorn u riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3);	
(3) is-sekwestru ta' dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar dment li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirċievi kopja;	
(4) ir-rifjut jew l-irtirar tal-permess tax-xogħol, skont id-dritt nazzjonali;	
(5) l-estensjoni tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mal-Artikolu 10(7);	
(6) il-penali finanzjarji.	

Or. en

Emenda 1449
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Konsegwenzi f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni	Konsegwenzi ***u sanzjonijiet*** f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni

Or. fr

Emenda 1450
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 21(2), il-punti (a) sa (k), l-Istati Membri għandhom jipprevedu ***l-possibbiltà li jiġu imposti, wara valutazzjoni individwali, miżuri effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq iċ-ċittadin ta' pajjiż terz, minn*** dawn li ġejjin:	F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 21(2), il-punti (a) sa (k), l-Istati Membri għandhom jipprevedu dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 1451
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 21(2), ***il-punti (a) sa (k),*** l-Istati Membri għandhom ***jipprevedu l-possibbiltà li jiġu imposti, wara valutazzjoni individwali, miżuri effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq iċ-ċittadin ta' pajjiż terz, minn dawn li ġejjin:***	F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 21(2), l-Istati Membri għandhom ***jimponu detenzjoni f'konformità mal-Artikolu 29 u t-tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12.***

Or. en

Emenda 1452
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu ***21(2), il-punti (a) sa (k)***, l-Istati Membri għandhom ***jipprevedu l-possibbiltà li jiġu imposti, wara valutazzjoni individwali, miżuri effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq iċ-ċittadin ta' pajjiż terz, minn dawn*** li ġejjin:	F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi ***kif*** stabbiliti fl-Artikolu 21, ***il-paragrafu 1 u r-rekwiżiti skont l-Artikolu 21, il-paragrafu 2,*** l-Istati Membri għandhom ***jimponu fuq iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat waħda jew aktar mill-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 23, il-paragrafu 1, u jistgħu jimponu waħda jew aktar mill-miżuri*** li ġejjin ***li għandhom ikunu effettivi u proporzjonati***:

Or. en

Emenda 1453
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu ***21(2), il-punti (a) sa (k)***, l-Istati Membri għandhom jipprevedu l-possibbiltà li jiġu imposti***,*** ***wara valutazzjoni individwali,*** miżuri effettivi***, proporzjonati*** u dissważivi fuq iċ-ċittadin ta' pajjiż terz, minn dawn li ġejjin:	***1.*** F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu ***21***, l-Istati Membri għandhom jipprevedu l-possibbiltà li jiġu imposti miżuri effettivi u dissważivi fuq iċ-ċittadin ta' pajjiż terz, minn dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 1454
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu ***21(2)***, il-punti (a) sa (k), l-Istati Membri għandhom jipprevedu l-possibbiltà li jiġu imposti, wara valutazzjoni individwali, miżuri effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq iċ-ċittadin ta' pajjiż terz, minn dawn li ġejjin:	F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu ***21(1) u (2)***, il-punti (a) sa (k), l-Istati Membri għandhom jipprevedu l-possibbiltà li jiġu imposti, wara valutazzjoni individwali, miżuri ***jew sanzjonijiet*** effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq iċ-ċittadin ta' pajjiż terz, minn dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 1455
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 21(2), il-punti (a) sa (k), l-Istati Membri għandhom jipprevedu l-possibbiltà li jiġu imposti, wara valutazzjoni individwali, ***miżuri effettivi, proporzjonati u dissważivi*** fuq iċ-ċittadin ta' pajjiż terz, minn dawn li ġejjin:	F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 21(2), il-punti (a) sa (k), l-Istati Membri għandhom jipprevedu l-possibbiltà li jiġu imposti, wara valutazzjoni individwali, ***penali amministrattivi*** fuq iċ-ċittadin ta' pajjiż terz, minn dawn li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dawn huma b'mod ċar penali imposti fuq il-persuni ripatrijati. Għandna niddeskrivuhom bħala tali. Jekk ma għandna l-ebda bażi legali biex nimponu penali allura ma għandhomx jiġu inklużi.

Emenda 1456
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) ir-rifjut jew it-tnaqqis ta' ċerti benefiċċji u allowances mogħtija skont id-dritt tal-Istat Membru liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati sakemm dan ma jwassalx għall-inkapaċità tal-persuni li jipprovdu l-ħtiġijiet bażiċi tagħhom;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tneħħija tal-benefiċċji ma għandhiex tkun relatata ma' proċedura ta' ritorn bħala tali. Dan ikun diskriminatorju peress li ċ-ċittadini li jirċievu benefiċċji ma jitqiegħdux fl-istess proċedura bl-istess obbligi.

Emenda 1457
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) ir-rifjut jew it-tnaqqis ta' ċerti benefiċċji u allowances mogħtija skont id-dritt tal-Istat Membru liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati sakemm dan ma jwassalx għall-inkapaċità tal-persuni li jipprovdu l-ħtiġijiet bażiċi tagħhom;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1458
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) ir-rifjut jew it-tnaqqis ta' ċerti	(1) ir-rifjut jew it-tnaqqis ta' ċerti

benefiċċji u allowances ***mogħtija skont id-dritt tal-Istat Membru liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati sakemm dan ma jwassalx għall-inkapaċità tal-persuni li jipprovdu l-ħtiġijiet bażiċi tagħhom***;	benefiċċji u allowances***, fejn previst mid-dritt nazzjonali***;

Or. en

Emenda 1459
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) ir-rifjut ***jew it-tnaqqis*** ta' ċerti benefiċċji u allowances mogħtija skont id-dritt tal-Istat Membru liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ***kkonċernati sakemm dan ma jwassalx għall-inkapaċità tal-persuni li jipprovdu l-ħtiġijiet bażiċi tagħhom***;	(1) ir-rifjut ta' ċerti benefiċċji u allowances mogħtija skont id-dritt tal-Istat Membru liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi;

Or. en

Emenda 1460
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1) ir-rifjut jew it-tnaqqis ta' ċerti benefiċċji u allowances mogħtija skont id-dritt tal-Istat Membru liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati ***sakemm dan ma jwassalx għall-inkapaċità tal-persuni li jipprovdu l-ħtiġijiet bażiċi tagħhom***;	1) ir-rifjut jew it-tnaqqis ta' ċerti benefiċċji u allowances mogħtija skont id-dritt tal-Istat Membru liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati;

Or. fr

Emenda 1461

Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) ir-rifjut jew it-tnaqqis ta' ċerti benefiċċji u allowances mogħtija skont id-dritt tal-Istat Membru liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati ***sakemm dan ma jwassalx għall-inkapaċità tal-persuni li jipprovdu l-ħtiġijiet bażiċi tagħhom***;	(1) ir-rifjut jew it-tnaqqis ta' ċerti benefiċċji u allowances mogħtija skont id-dritt tal-Istat Membru liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati;

Or. en

Emenda 1462
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) ir-rifjut jew it-tnaqqis ta' inċentivi mogħtija biex jiġi promoss ir-ritorn volontarju f'konformità mal-Artikolu 13 jew assistenza mnaqqsa fi programmi ta' ritorn u riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3);	***imħassar***

Or. en

Emenda 1463
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) ir-rifjut jew it-tnaqqis ta' inċentivi mogħtija biex jiġi promoss ir-ritorn volontarju f'konformità mal-Artikolu 13	(2) ir-rifjut jew it-tnaqqis ta' inċentivi mogħtija biex jiġi promoss ir-ritorn volontarju f'konformità mal-Artikolu 13;

jew assistenza mnaqqsa fi programmi ta' ritorn u riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3);

Or. en

Emenda 1464
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) ir-rifjut jew it-tnaqqis ta' inċentivi mogħtija biex jiġi promoss ir-ritorn ***volontarju*** f'konformità mal-Artikolu 13 jew assistenza mnaqqsa fi programmi ta' ritorn u riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3);	(2) ir-rifjut jew it-tnaqqis ta' inċentivi mogħtija biex jiġi promoss ir-ritorn ***aċċettat*** f'konformità mal-Artikolu 13 jew assistenza mnaqqsa fi programmi ta' ritorn u riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3);

Or. en

Emenda 1465
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) ir-rifjut jew it-tnaqqis ta' inċentivi mogħtija biex jiġi promoss ir-ritorn volontarju ***f'konformità mal-Artikolu 13 jew*** assistenza ***mnaqqsa*** fi programmi ta' ritorn u riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3);	(2) ir-rifjut jew it-tnaqqis ta' inċentivi mogħtija biex jiġi promoss ir-ritorn volontarju ***inkluż ir-rifjut jew it-tnaqqis ta'*** assistenza fi programmi ta' ritorn u riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3);

Or. en

Emenda 1466

Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) is-sekwestru ta' dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar dment li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirċievi kopja;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-awtoritajiet tal-Istati Membri diġà jirċievu dawn id-dokumenti skont l-Artikolu 21(2)(b).

Emenda 1467
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) is-sekwestru ta' dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar dment li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirċievi kopja;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1468
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) is-sekwestru ta' dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar dment li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirċievi kopja;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, ir-riskju ta' ħrib huwa għoli, u dan jaffettwa wkoll lill-Istati Membri l-oħra. Għalhekk huwa ġustifikat li s-sekwestru ta' dokumenti jsir obbligatorju f'konformità mal-paragrafu 2.

Emenda 1469
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) ir-rifjut jew l-irtirar tal-permess tax-xogħol, skont id-dritt nazzjonali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1470
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) l-estensjoni tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mal-Artikolu 10(7);	***imħassar***

Or. en

Emenda 1471
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(5) l-estensjoni tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul ***f'konformità mal-Artikolu 10(7)***;	(5) l-estensjoni tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul ***sad-durata massima fl-Artikolu 10(6)***;

Or. en

Emenda 1472
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) ***l-estensjoni*** tad-durata ***ta' projbizzjoni*** fuq id-dħul f'konformità mal-Artikolu 10(7);	(5) ***id-doppju*** tad-durata ***tal-projbizzjoni*** fuq id-dħul f'konformità mal-Artikolu 10(7);

Or. en

Emenda 1473
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) il-penali finanzjarji.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-penali finanzjarji mhumiex proporzjonati għall-persuni ripatrijati li, fil-biċċa l-kbira, ma għandhom l-ebda forma ta' introjtu u qed jintalbu jitilqu mill-Istati Membri.

Emenda 1474
Mary Khan

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) il-penali finanzjarji.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1475
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) ***il-penali*** finanzjarji.	(6) ***sanzjonijiet kriminali, inkluż priġunerija u penali*** finanzjarji***, meta previst fid-dritt nazzjonali***.

Or. en

Emenda 1476
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) mezzi biex tiġi rreġistrata data bijometrika, inkluż marki tas-swaba', li jistgħu jinkludu l-użu ta' koerċizzjoni meta ċittadin ta' pajjiż terz ma jipprovdix data bijometrika f'konformità mal-Artikolu 21, il-paragrafu 2, il-punt (f);

Or. en

Emenda 1477
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Fredis Beleris

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) kwalunkwe miżura oħra stabbilita skont id-dritt nazzjonali, inklużi sanzjonijiet kriminali, bl-għan li tiġi żgurata l-konformità mal-obbligu tat-tluq mit-territorju tal-Istat Membru.

Or. en

Emenda 1478
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Il-persuni ripatrijati li fuqhom jiġu imposti tali penali amministrattivi għandu jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv kontra tali penali f'konformità mal-Artikolu 26.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-persuna ripatrijata għandha dritt għal rimedju effettiv fir-rigward tal-impożizzjoni ta' tali penali, bħalma jkollu kwalunkwe ċittadin tal-UE.

Emenda 1479
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(6a) detenzjoni f'konformità mal-Artikolu 29 jew alternattivi għad-detenzjoni skont l-Artikolu 31;

Or. en

Emenda 1480
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) miżuri f'konformità mal-Artikolu 31(2)(a) u (c);

Or. en

Emenda 1481
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Fredis Beleris

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fil-każ ta' ħrib lejn Stat Membru ieħor, id-deċiżjoni ta' ritorn maħruġa liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat tiġi rikonoxxuta u infurzata f'konformità mal-Artikolu 9, filwaqt li tista' tiġi kkontestata biss quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru emittenti.

Or. en

Emenda 1482
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6b) miżuri jew konsegwenzi oħra għajr dawk imsemmija hawn fuq, meta previst fid-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 1483
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6b) sanzjonijiet kriminali f'konformità mad-dritt nazzjonali;

Or. en

Emenda 1484
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6b) detenzjoni f'konformità mal-Artikolu 29(3)(e);

Or. en

Emenda 1485
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	In-nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 21(1) u (2) għandu jirriżulta fis-sospensjoni jew l-irtirar tal-posponiment tat-tneħħija f'konformità mal-Artikolu 14(7).

Or. en

Emenda 1486
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 21, l-Istati Membri għandhom jissekkwestraw dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar u jipprovdu kopja tagħhom liċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 1487
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Xejn f'dan ir-Regolament ma għandu jipprojbixxi lill-Istati Membri milli jadottaw miżuri addizzjonali b'rispons għan-nuqqas ta' konformità ta' ċittadin ta' pajjiż terz mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 21.

Or. en

Emenda 1488
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Ana Miguel Pedro, Loránt Vincze, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri jistgħu jipprevedu miżuri jew sanzjonijiet disważivi oħra fid-dritt nazzjonali meta jkun meħtieġ, proporzjonat u debitament ġustifikat għall-fini ta' ritorn jew tneħħija.

Or. en

Emenda 1489
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri jistgħu jipprevedu fid-dritt nazzjonali tagħhom li l-miżuri imposti fuq iċ-ċittadin ta' pajjiż terz f'konformità mal-paragrafu 1 jew 3 ta' dan l-Artikolu ma jkunux appellabbli, jew li tali appell ma għandux ikollu effett sospensiv.

Or. en

Emenda 1490
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Mingħajr preġudizzju għall-miżuri ċivili jew amministrattivi imposti f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu wkoll jipprevedu fid-dritt kriminali nazzjonali tagħhom li n-nuqqas ta' kooperazzjoni jikkostitwixxi reat kriminali.

Or. en

Emenda 1491
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Disponibbiltà għall-proċess ta' ritorn	***Restrizzjonijiet biex jiġi promoss proċess*** ta' ritorn ***effettiv***

Or. en

Emenda 1492
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Biex jiġi żgurat ritorn ***rapidu, effiċjenti u*** effettiv, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ***għandhom***, għad-durata tal-proċedura ta' ritorn, ikunu soġġetti għal waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin:	1. ***Meta jkun meħtieġ biss*** biex jiġi żgurat ritorn effettiv, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ***jistgħu***, għad-durata tal-proċedura ta' ritorn, ikunu soġġetti għal waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin***, li għandhom iqisu ċ-ċirkostanzi tal-individwu, inklużi l-familja, ix-xogħol, l-edukazzjoni jew obbligi oħra***:

Or. en

Emenda 1493
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Biex jiġi żgurat ***ritorn rapidu, effiċjenti u effettiv***, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ***għandhom***, għad-durata tal-proċedura ta' ritorn, ikunu soġġetti għal waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin:	1. Biex jiġi żgurat ***ir-ritorn filwaqt li jiġi evitat l-użu tad-detenzjoni***, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ***jistgħu biss, meta jkun strettament meħtieġ u proporzjonat***, għad-durata tal-proċedura ta' ritorn ***wara valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni tagħhom***, ikunu soġġetti għal waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin:

Or. en

Emenda 1494
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Biex jiġi żgurat ritorn rapidu, effiċjenti u effettiv, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom***, għad-durata tal-proċedura ta' ritorn,*** ikunu soġġetti għal waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin:	1. Biex jiġi żgurat ritorn rapidu, effiċjenti u effettiv, ***jitnaqqas ir-riskju ta' ħrib, jew tittejjeb aktar il-konformità mal-obbligi tat-tluq, jew biex tiġi protett l-ordni pubbliku jew is-sigurtà pubblika,*** iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għal waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin:

Or. en

Emenda 1495
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Biex jiġi żgurat*** ritorn ***rapidu, effiċjenti u*** effettiv, ***iċ-ċittadini*** ta' ***pajjiżi terzi għandhom, għad-durata tal-proċedura ta' ritorn, ikunu soġġetti għal*** waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin:	1. ***Għall-fini tat-tħejjija u l-iżgurar ta'*** ritorn effettiv ***jew biex tiġi inċentivata aktar il-konformità mal-obbligi ta' tluq u kooperazzjoni***, ***l-Istati Membri jistgħu jimponu fuq iċ-ċittadin*** ta' ***pajjiż terz*** waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin:

Or. en

Emenda 1496
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Biex jiġi żgurat ritorn rapidu, effiċjenti u effettiv, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom, għad-durata tal-proċedura ta' ritorn, ikunu soġġetti għal waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin:	1. Biex jiġi żgurat ritorn rapidu, effiċjenti u effettiv ***u jiġi pprevenut ir-riskju ta' ħrib***, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom, għad-durata tal-proċedura ta' ritorn, ikunu soġġetti għal waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin:

Or. en

Emenda 1497
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Biex jiġi żgurat ritorn ***rapidu,*** effiċjenti ***u*** effettiv, ***iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom***, għad-durata tal-proċedura	1. Biex jiġi żgurat ritorn effiċjenti**,** effettiv ***u sostenibbli***, ***il-persuni ripatrijati jistgħu***, ***abbażi ta' valutazzjoni***

ta' ritorn, ikunu soġġetti għal waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin:	***individwali, u*** għad-durata tal-proċedura ta' ritorn, ikunu soġġetti għal waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li dawn il-miżuri jirrestringu d-drittijiet tal-persuni ripatrijati, il-ħtieġa li jiġu ġustifikati abbażi ta' valutazzjoni individwali. Il-paragrafu 2 diġà jipprovdi eżempji ta' każijiet li fihom dan jista' ma jkunx possibbli.

Emenda 1498
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. l-allokazzjoni għal żona ġeografika fit-territorju tal-Istat Membru li fih ikunu jistgħu jirrilokaw liberament;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1499
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. l-allokazzjoni għal żona ġeografika fit-territorju tal-Istat Membru li fih ikunu jistgħu jirrilokaw liberament;	a. l-allokazzjoni għal żona ġeografika fit-territorju tal-Istat Membru li fih ikunu jistgħu jirrilokaw liberament; ***dik iż-żona ġeografika għandha tkun kbira biżżejjed, tippermetti aċċess għall-infrastruttura pubblika meħtieġa u ma għandhiex taffettwa l-isfera inaljenabbli tal-ħajja privata tal-applikanti f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2024/1346;***

Or. en

Emenda 1500
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. ***l-allokazzjoni għal żona*** ġeografika fit-territorju tal-Istat Membru li fih ikunu jistgħu jirrilokaw liberament;	a. ***l-obbligu li jibqa' f'żona*** ġeografika fit-territorju tal-Istat Membru li fih ikunu jistgħu jirrilokaw liberament;

Or. en

Emenda 1501
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	aa. detenzjoni f'post dežinjat għal dan l-iskop;

Or. fr

Emenda 1502
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ***ir-residenza*** f'indirizz speċifiku;	b. ***l-obbligu ta' residenza*** f'indirizz speċifiku ***jew post iddežinjat mill-awtoritajiet kompetenti***;

Or. en

Emenda 1503
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ir-residenza f'indirizz speċifiku;	b. ir-residenza f'indirizz speċifiku***, jekk ikun meħtieġ taħt sorveljanza elettronika***;

Or. fr

Emenda 1504
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ir-residenza f'indirizz speċifiku;	b. ir-residenza f'indirizz speċifiku ***jew post iddeżinjat***;

Or. en

Emenda 1505
Cecilia Strada, Marco Tarquinio, Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ir-residenza f'indirizz speċifiku;	b. ir-residenza f'indirizz speċifiku***, meta disponibbli***;

Or. en

Emenda 1506
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. ir-rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti fi żmien speċifikat jew f'intervalli raġonevoli.	c. ir-rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti fi żmien speċifikat jew f'intervalli raġonevoli***, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-individwu, inkluż ix-xogħol, l-edukazzjoni jew obbligi ġustifikati oħra***.

Or. en

Emenda 1507
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. ***ir-rappurtar*** lill-awtoritajiet kompetenti ***fi żmien speċifikat jew f'intervalli raġonevoli.***	c. ***l-obbligu ta' rappurtar*** lill-awtoritajiet kompetenti ***fiżikament f'ħinijiet speċifikati jew b'mezzi oħra kif speċifikati fid-dritt nazzjonali;***

Or. en

Emenda 1508
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. ir-rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti ***fi żmien speċifikat jew*** f'intervalli ***raġonevoli***.	c. ir-rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti ***fiżikament*** f'intervalli ***regolari f'konformità mad-dritt nazzjonali***.

Or. en

Emenda 1509
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. ir-rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti fi żmien speċifikat jew f'intervalli ***raġonevoli***.	c. ir-rapportar lill-awtoritajiet kompetenti fi żmien speċifikat jew f'intervalli ***regolari***.

Or. fr

Emenda 1510
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. ir-rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti ***fi żmien speċifikat jew*** f'intervalli raġonevoli.	c. ir-rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti f'intervalli raġonevoli.

Or. en

Emenda 1511
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ca. miżuri oħra għajr dawk imsemmija f'(a) sa (c), fejn previst fid-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 1512

Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ca. miżuri oħra għajr dawk imsemmija f'(a) sa (c), meta previst fid-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 1513
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ca. Residenza f'ċentru ta' ritorn intern.

Or. en

Emenda 1514
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-paragrafu 1 għandu jiġi applikat biss sa fejn ***ikun*** kompatibbli mal-ħtiġijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli u l-aħjar interessi tat-tfal.	2. Il-paragrafu 1 għandu jiġi applikat biss sa fejn ***tali miżuri jkunu meħtieġa u proporzjonati fil-każ individwali, ikunu*** kompatibbli mal-ħtiġijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli u l-aħjar interessi tat-tfal***, ma jaffettwawx b'mod sproporzjonat id-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi skont dan ir-Regolament u ma jirrestrinġux b'mod mhux xieraq il-kapaċità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li***

jipparteċipa b'mod attiv fil-proċess ta' ritorn.

Or. en

Emenda 1515
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-paragrafu 1 għandu jiġi applikat biss sa fejn ikun kompatibbli mal-ħtiġijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli u l-aħjar interessi tat-tfal.	2. Il-paragrafu 1 ***għandu jiġi applikat biss wara analiżi taċ-ċirkostanzi individwali tal-persuna, il-proporzjonalità tal-miżura fil-każ speċifiku, u b'mod mhux diskriminatorju u mhux awtomatiku. Fil-każ ta' persuni vulnerabbli, dan*** għandu jiġi applikat biss sa fejn ikun kompatibbli mal-ħtiġijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli u l-aħjar interessi tat-tfal.

Or. en

Emenda 1516
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-paragrafu 1 għandu jiġi applikat biss sa fejn ikun kompatibbli mal-ħtiġijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli u l-aħjar interessi tat-tfal.	2. ***Kwalunkwe miżura skont*** il-paragrafu 1 għandu jiġi applikat biss sa fejn ikun kompatibbli mal-ħtiġijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli u l-aħjar interessi tat-tfal.

Or. en

Emenda 1517

Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-miżuri stabbiliti fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu imposti wkoll fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jistgħux jitneħħew, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tagħhom mal-awtoritajiet kompetenti.

Or. en

Emenda 1518
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fuq talba, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu permess liċ-ċittadin ta' pajjiż terz biex***:***	3. Fuq talba ***debitament ġustifikata***, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu permess liċ-ċittadin ta' pajjiż terz biex ***temporanjament jitlaq miż-żona ġeografika għal raġunijiet familjari urġenti u serji debitament ġustifikati jew għal trattament mediku meħtieġ li mhuwiex disponibbli fiż-żona ġeografika***

Or. en

Emenda 1519
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fuq talba, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu permess liċ-ċittadin ta' pajjiż	3. ***Meta persuna ripatrijata tkun soġġetta għal waħda jew aktar mill-miżuri***

terz biex:	***msemmija fil-paragrafu 1, u*** fuq talba, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu permess liċ-ċittadin ta' pajjiż terz biex:

Or. en

Emenda 1520
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fuq talba, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu permess liċ-ċittadin ta' pajjiż terz biex***:***	3. Fuq talba, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu permess liċ-ċittadin ta' pajjiż terz biex ***ma jikkonformax temporanjament ma' miżura kif imsemmi fil-paragrafu 1.***

Or. en

Emenda 1521
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fuq talba, l-awtoritajiet ***kompetenti*** jistgħu jagħtu permess liċ-ċittadin ta' pajjiż terz biex:	3. Fuq talba ***u għal raġunijiet ġustifikati kif xieraq***, l-awtoritajiet ***nazzjonali*** jistgħu jagħtu permess liċ-ċittadin ta' pajjiż terz biex:

Or. fr

Emenda 1522
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fuq talba, l-awtoritajiet kompetenti ***jistgħu*** jagħtu permess liċ-ċittadin ta' pajjiż terz biex:	3. Fuq talba, l-awtoritajiet kompetenti ***għandhom*** jagħtu permess liċ-ċittadin ta' pajjiż terz biex:

Or. en

Emenda 1523
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. jitilqu temporanjament miż-żona ġeografika għal raġunijiet tal-familja urġenti u serji debitament ġustifikati jew għal trattament mediku meħtieġ li ma jkunx disponibbli fiż-żona ġeografika;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1524
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. jitilqu temporanjament miż-żona ġeografika għal raġunijiet tal-familja urġenti u serji debitament ġustifikati jew għal trattament mediku meħtieġ li ma jkunx disponibbli fiż-żona ġeografika;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1525
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. jitilqu ***temporanjament*** miż-żona ġeografika għal raġunijiet tal-familja urġenti u serji debitament ġustifikati jew għal trattament mediku meħtieġ li ma jkunx disponibbli fiż-żona ġeografika;	a. jitilqu miż-żona ġeografika ***ddeżinjata*** għal raġunijiet tal-familja urġenti u serji debitament ġustifikati jew għal trattament mediku meħtieġ li ma jkunx disponibbli fiż-żona ġeografika;

Or. en

Emenda 1526
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. jirrisjedu temporanjament barra mill-post iddeżinjat f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (b);	***imħassar***

Or. en

Emenda 1527
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. jirrisjedu temporanjament barra mill-post iddeżinjat f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (b);	***imħassar***

Or. en

Emenda 1528
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. jirrisjedu ***temporanjament*** barra mill-post iddeżinjat f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (b);	b. jirrisjedu barra mill-post iddeżinjat f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (b);

Or. en

Emenda 1529
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. temporanjament ma jikkonformawx mal-obbligu ta' rappurtar.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1530
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. temporanjament ma jikkonformawx mal-obbligu ta' rappurtar.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1531
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. temporanjament ma jikkonformawx mal-obbligu ta' rappurtar.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1532
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. ***temporanjament*** ma jikkonformawx mal-obbligu ta' rappurtar.	c. ma jikkonformawx mal-obbligu ta' rappurtar.

Or. en

Emenda 1533
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Id-deċiżjonijiet rigward ***il-permessi elenkati*** fil-paragrafu 3***, l-ewwel subparagrafu,*** għandhom ***jittieħdu b'mod oġġettiv u imparzjali fuq il-merti tal-każ individwali u għandhom jingħataw raġunijiet jekk dan il-permess ma jingħatax***.	4. Id-deċiżjonijiet rigward ***il-permess elenkat*** fil-paragrafu 3 għandhom ***jiġu nnotifikati liċ-ċittadin ta' pajjiż terz***.

Or. en

Emenda 1534

Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Id-deċiżjonijiet rigward il-permessi elenkati fil-paragrafu*** 3***, l-ewwel subparagrafu, għandhom jittieħdu b'mod oġġettiv u imparzjali fuq il-merti tal-każ individwali u għandhom jingħataw raġunijiet jekk dan il-permess ma jingħatax***.	4. ***Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jiġi infurmat jekk il-permess tiegħu f'konformità mal-paragrafu*** 3 ***ingħatax jew le***.

Or. en

Emenda 1535
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Id-deċiżjonijiet rigward il-permessi elenkati fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, għandhom jittieħdu b'mod oġġettiv u imparzjali fuq il-merti tal-każ individwali ***u għandhom jingħataw raġunijiet jekk dan il-permess ma jingħatax***.	4. Id-deċiżjonijiet rigward il-permessi elenkati fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, għandhom jittieħdu b'mod oġġettiv u imparzjali fuq il-merti tal-każ individwali.

Or. en

Emenda 1536
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

4. Id-deċiżjonijiet rigward il-permessi elenkati fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, għandhom jittieħdu b'mod oġġettiv u imparzjali fuq il-merti tal-każ individwali u għandhom jingħataw ***raġunijiet*** jekk dan il-permess ma jingħatax.	4. Id-deċiżjonijiet rigward il-permessi elenkati fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, għandhom jittieħdu b'mod oġġettiv u imparzjali fuq il-merti tal-każ individwali u għandhom jingħataw ***dawk ir-raġunijiet bil-miktub*** jekk dan il-permess ma jingħatax.

Or. en

Emenda 1537
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Id-deċiżjonijiet rigward il-permessi elenkati fil-paragrafu 3***, l-ewwel subparagrafu***, għandhom jittieħdu b'mod oġġettiv u imparzjali fuq il-merti tal-każ individwali u għandhom jingħataw raġunijiet jekk dan il-permess ma jingħatax.	4. Id-deċiżjonijiet rigward il-permessi elenkati fil-paragrafu 3, għandhom jittieħdu b'mod oġġettiv u imparzjali fuq il-merti tal-każ individwali u għandhom jingħataw raġunijiet jekk dan il-permess ma jingħatax.

Or. en

Emenda 1538
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma għandux ikun meħtieġ jitlob permess biex jattendi appuntamenti mal-awtoritajiet u l-qrati ***jekk*** l-attendenza ta' dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz tkun meħtieġa. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti dwar dawn l-appuntamenti.	5. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma għandux ikun meħtieġ jitlob permess ***skont il-paragrafu 3*** biex jattendi appuntamenti mal-awtoritajiet u l-qrati***, meta dan jikser b'mod ieħor l-obbligu fil-paragrafu 1 u meta*** l-attendenza ta' dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz tkun meħtieġa. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti dwar dawn l-

appuntamenti ***minn qabel***.

Or. en

Emenda 1539
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma għandux ikun meħtieġ jitlob permess biex jattendi appuntamenti mal-awtoritajiet u l-qrati ***jekk*** l-attendenza ta' dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz tkun meħtieġa. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti dwar dawn l-appuntamenti.	5. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma għandux ikun meħtieġ jitlob permess ***skont il-paragrafu 3*** biex jattendi appuntamenti mal-awtoritajiet u l-qrati***, meta dan jikser b'mod ieħor l-obbligi tal-paragrafu 1, u meta*** l-attendenza ta' dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz tkun meħtieġa. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti dwar dawn l-appuntamenti ***minn qabel***.

Or. en

Emenda 1540
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma għandux ikun meħtieġ jitlob permess biex jattendi appuntamenti mal-awtoritajiet u l-qrati jekk l-attendenza ta' dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz tkun meħtieġa. ***Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti dwar dawn l-appuntamenti.***	5. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma għandux ikun meħtieġ jitlob permess biex jattendi appuntamenti mal-awtoritajiet u l-qrati jekk l-attendenza ta' dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz tkun meħtieġa.

Or. en

Emenda 1541
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma għandux ikun meħtieġ jitlob permess biex jattendi appuntamenti mal-awtoritajiet u l-qrati jekk l-attendenza ta' dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz tkun meħtieġa. ***Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti dwar dawn l-appuntamenti.***	5. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma għandux ikun meħtieġ jitlob permess biex jattendi appuntamenti mal-awtoritajiet u l-qrati jekk l-attendenza ta' dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz tkun meħtieġa.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex proporzjonat li l-persuna ripatrijata ssir l-aġent tal-istat. L-awtoritajiet tal-Istati Membri jeħtieġ li jikkomunikaw ma' xulxin dwar l-obbligi imposti fuq il-persuna ripatrijata.

Emenda 1542
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Id-deċiżjonijiet meħuda f'konformità mal-paragrafu 1, il-punti (b) u (c), għandhom isiru bil-miktub, ikunu proporzjonati u jqisu ċ-ċirkostanzi speċifiċi taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.	6. Id-deċiżjonijiet meħuda f'konformità mal-paragrafu 1, il-punti ***(a),*** (b) u (c), għandhom isiru bil-miktub, ikunu proporzjonati u jqisu ċ-ċirkostanzi speċifiċi taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

Or. en

Emenda 1543
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Id-deċiżjonijiet meħuda f'konformità mal-paragrafu 1***, il-punti (b) u (c),*** għandhom isiru bil-miktub, ikunu proporzjonati u jqisu ċ-ċirkostanzi speċifiċi taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.	6. Id-deċiżjonijiet meħuda f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom isiru bil-miktub, ikunu proporzjonati u jqisu ċ-ċirkostanzi speċifiċi taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk xi waħda mill-miżuri stabbiliti fil-paragrafu 1 ma tiġix ikkomunikata bil-miktub lill-persuna ripatrijata, mhuwiex raġonevoli li l-persuna ripatrijata tkun mistennija li tikkonforma mal-miżura.

Emenda 1544
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Id-deċiżjonijiet meħuda f'konformità mal-paragrafu 1, il-punti (b) u (c), għandhom isiru bil-miktub***, ikunu proporzjonati*** u jqisu ċ-ċirkostanzi speċifiċi taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.	6. Id-deċiżjonijiet meħuda f'konformità mal-paragrafu 1, il-punti (b) u (c), għandhom isiru bil-miktub u jqisu ċ-ċirkostanzi speċifiċi taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

Or. en

Emenda 1545
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jiġi infurmat dwar kwalunkwe deċiżjoni li

jiġu applikati l-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u dwar il-konsegwenza tan-nuqqas ta' konformità ma' dik id-deċiżjoni, inkluż id-detenzjoni skont l-Artikolu 29.

Or. en

Emenda 1546
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Xejn f'dan ir-Regolament ma jipprojbixxi lill-Istati Membri milli jadottaw miżuri fid-dritt nazzjonali li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jikkonforma magħhom.

Or. en

Emenda 1547
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu -24 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu -24
	Dritt li wieħed jinstema'
	Qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn, l-Istati Membri għandhom jagħtu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma s-suġġett ta' proċedura ta' ritorn id-dritt li jinstemgħu, inkluż dwar l-arranġamenti dettaljati għar-ritorn.

Or. en

Emenda 1548
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-proċedura ta' ritorn għandhom jiġu infurmati ***mingħajr dewmien żejjed*** dwar dan li ġej:	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-proċedura ta' ritorn għandhom jiġu infurmati ***mhux aktar tard mill-ħruġ tad-deċiżjoni ta' ritorn*** dwar dan li ġej:

Or. en

Emenda 1549
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-proċedura ta' ritorn*** għandhom jiġu infurmati ***mingħajr dewmien żejjed*** dwar dan li ġej:	1. ***Il-persuni ripatrijati*** għandhom jiġu infurmati ***mill-aktar fis possibbli*** dwar dan li ġej:

Or. en

Emenda 1550
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-proċedura ta' ritorn għandhom jiġu infurmati ***mingħajr dewmien żejjed*** dwar	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-proċedura ta' ritorn għandhom jiġu infurmati dwar dan li ġej:

dan li ġej:

Or. en

Emenda 1551
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Iċ-ċittadini*** ta' pajjiżi terzi soġġetti ***għall-proċedura ta'*** ritorn ***għandhom jiġu*** infurmati ***mingħajr dewmien żejjed*** dwar dan li ġej:	1. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċittadini*** ta' pajjiżi terzi soġġetti ***għal*** ritorn ***ikunu*** infurmati dwar dan li ġej:

Or. en

Emenda 1552
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. l-għan, id-durata u l-passi tal-proċedura ta' ritorn kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli u l-limiti ta' żmien biex jintalbu dawk ir-rimedji;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1553
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. l-għan***, id-durata u l-passi*** tal-proċedura ***ta' ritorn kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli u l-limiti ta' żmien biex jintalbu dawk ir-rimedji***;	a. l-għan tal-proċedura;

Or. en

Emenda 1554
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. l-għan, id-durata u l-passi tal-proċedura ta' ritorn ***kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli u l-limiti ta' żmien biex jintalbu dawk ir-rimedji***;	a. l-għan, id-durata u l-passi tal-proċedura ta' ritorn;

Or. en

Emenda 1555
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. l-għan, id-durata u l-passi tal-proċedura ta' ritorn ***kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli u l-limiti ta' żmien biex jintalbu dawk ir-rimedji***;	a. l-għan, id-durata u l-passi tal-proċedura ta' ritorn;

Or. en

Emenda 1556
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. l-għan, id-durata u l-passi tal-proċedura ta' ritorn kif ukoll ***informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli u l-limiti ta' żmien biex jintalbu dawk ir-rimedji***;	a. l-għan, id-durata u l-passi tal-proċedura ta' ritorn kif ukoll ***il-limiti ta' żmien li l-awtoritajiet kompetenti jeħtiġilhom jirrispettaw, inkluż fir-rigward tad-detenzjoni*;**

Or. en

Emenda 1557
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
